

Brussell, 20 ta' Frar 2025  
(OR. en)

6385/25

AGRI 64  
AGRIFIN 15  
AGRIORG 21  
AGRISTR 10  
ENV 95  
POLCOM 34

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Frar 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 75 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Viżjoni għall-Agricoltura u għall-Ikel Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 75 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 75 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 19.2.2025  
COM(2025) 75 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,  
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel  
Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet  
futuri**

## Werrej

1. Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri....	2
2. Viżjoni u objettivi għall-2040: sistema agroalimentari li tkun attraenti, kompetittiva, sostenibbli u ġusta għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri .....	5
3. Infasslu flimkien ir-risponsi ta' politika għal settur agroalimentari ta' suċċess .....	6
3.1. Nibnu settur attraenti li jiżgura standard tal-ġhajxien ġust u li joħloq opportunitajiet ġodda ta' introjtu .....	6
3.2. Settur kompetittiv u reżiljenti quddiem l-isfidi globali .....	11
3.3. Settur agroalimentari li jibqa' validu fil-futur u li jaħdem id f'id man-natura.....	18
3.4. Nagħtu valur lill-ikel u nrawmu kundizzjonijiet tal-ġhajxien u tax-xogħol ġusti f'żoni rurali vibranti .....	22
4. Noħolqu ambjent favorevoli: Inpoġġu r-riċerka, l-innovazzjoni, l-għarfien u l-ħiliet fil-qalba tal-ekonomija agroalimentari tal-Ewropa .....	26
5. KONKLUŻJONI.....	28

## 1. INSAWRU FLIMKIEN SETTUR TAL-BIEDJA U TAL-IKEL ATTRAENTI TAL-UE GĦALL-ĠENERAZZJONIJIET FUTURI

Il-biedja u l-ikel huma l-qofol tal-istil ta' ħajja Ewropew. Imsejsa fuq tradizzjonijiet għonja, il-modi kif niproduċu u ngawdu l-ikel sawru l-komunitajiet, il-kulturi u l-pajsaġġi li jiddefinixxu l-Ewropa.

**Il-biedja u l-ikel, inkluż is-sajd, huma setturi strateġiċi għall-Unjoni**, li jipprovdu ikel sikur u ta' kwalità għolja lil 450 miljun Ewropew u li jaqdu rwol ewlieni fis-sigurtà tal-ikel globali. Ir-rapport ta' Niinistö<sup>1</sup> jirrikonoxxi l-ikel bħala wieħed mis-setturi l-iktar kritiċi għall-forniment tas-servizzi essenzjali liċ-ċittadini. L-appoġġ tal-Unjoni permezz tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) huwa fil-qalba tal-proġett Ewropew għal raġunijiet leġittimi. Is-sigurtà tal-ikel, is-sikurezza u s-sovranià tal-ikel Ewropej mhumiex negozjabbli. Iċ-ċittadini Ewropej dan jikkonfermawh: 94 % taċ-ċittadini li hađu sehem fl-aħħar sħarriġ tal-Ewrobarometru jikkonfermaw li huwa importanti li tiġi żgurata provvista stabbli tal-ikel fl-UE f'kull ħin<sup>2</sup>.

**L-ikel huwa wkoll parti mill-kompetittività tagħna.** Is-sistema agroalimentari, imsejsa fis-Suq Uniku tal-UE u fid-diversità tal-intrapriżi, fl-ambitu, fl-iskala u fil-metodi tal-produzzjoni tagħha, iġġenerat valur miżjud ta' iktar minn EUR 900 biljun fl-2022, u pprovdiet impjieg lil madwar 30 miljun persuna<sup>3</sup>, li jirrappreżenta madwar 15 % tal-impjiegi totali tal-UE. Bħala l-ikbar esportatur agroalimentari fid-dinja, l-UE ilha żżid b'mod kostanti s-surplus kummerċjali tagħha matul is-snin, u laħqet EUR 70 biljun fl-2023<sup>4</sup>. Fl-istess ħin, is-sitwazzjoni hija differenti fir-rigward tal-provvista ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, żrieragħ taż-żejt u għelejjet tal-proteini fost l-oħrajn, fejn l-UE tiddependi ħafna fuq l-importazzjonijiet.

**Il-biedja u l-ikel huma essenzjali għas-sostenn ta' komunitajiet vibranti u ekonomikament prosperi fiż-żoni rurali u kostali.** Iż-żoni rurali jospitaw 25 % tal-popolazzjoni tal-UE u jkopru 75 % tat-territorju tagħha, u b'hekk huma parti integrali mill-identità tal-Ewropa<sup>5</sup>. Iż-żoni rurali u kostali vibranti huma kruċjali fil-ġlieda kontra d-depopolazzjoni u biex jiġi ffaċilitat "id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju".

**Il-biedja u s-sajd għandhom x'jaqsmu mal-ħidma man-natura.** Il-bdiewa u s-sajjieda huma kustodji tan-natura, il-pedament ta' Ewropa reżiljenti, u huma **parti vitali mis-soluzzjoni** għall-protezzjoni u għar-reżiljenza tan-natura, tal-ħamrija, tal-ilma, tal-arja, tal-bijodiversità, tal-oċeani u tal-klima tagħna. **Il-bdiewa, is-sajjieda u n-negozji tal-ikel huma innovaturi u intraprendituri.** L-innovazzjoni tiftaħ mudelli ta' negozju u premjijiet ġodda, u b'hekk kemm il-bdiewa u s-sajjieda kif ukoll in-natura jibbenefikaw mit-tranżizzjoni, filwaqt li tappoġġa l-kompetittività.

**Iżda qatt ma għandna nissottovalutaw is-sovranià tal-ikel tagħna.** Is-settur agroalimentari rreżista x-xokkijiet tal-pandemija u l-kostijiet għoljin tal-inputs, u wera reżiljenza inkredibbli tiegħu. Madankollu, il-pressjoni tat-tensjonijiet ġeopolitiċi, l-effetti tal-legat tal-kriżijiet reċenti, l-impatti devastanti tal-avvenimenti tat-temp estrem u d-

<sup>1</sup> Niinistö, S., *Safer together – Strengthening Europe's Civilian and Military Preparedness and Readiness*, 2024.

<sup>2</sup> Il-Kummissjoni Ewropea – l-Ewrobarometru 2025: [Europeans, Agriculture and the CAP – Jannar 2025 – sħarriġ tal-Ewrobarometru](#).

<sup>3</sup> Eurostat, *Key figures on the European food chain – 2024 edition (europa.eu)*, 2024. Iċ-ċifri tal-impjiegi għall-agrikoltura huma mill-2020.

<sup>4</sup> Id-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali, [Monitoring EU agri-food trade. Developments in 2023](#), Marzu 2024.

<sup>5</sup> Eurostat, [Urban-rural Europe - introduction - Statistics Explained](#), aċċessat fi Frar 2025.

degradazzjoni ambjentali kif ukoll il-konsegwenzi tax-xejriet strutturali qed jheddu l-vijabbiltà ta' dan is-settur importanti u l-awtonomija strateġika tal-UE.

Is-settur agroalimentari tal-lum qed jiffaċċja trasformazzjonijiet strutturali diffiċli, inkluż diskrepanzi sinifikanti fl-iskala tal-operazzjonijiet tal-biedja u popolazzjoni tal-biedja li qed tixjieħ. Madwar 12 % biss tal-bdiewa tal-UE għandhom inqas minn 40 sena<sup>6</sup>. Minkejja li l-introjt għal kull persuna involuta fl-agrikoltura ilu jiżdied matul l-aħħar deċennji, l-introjt għadu ferm iktar baxx mill-medja fil-bqija tal-ekonomija<sup>7</sup>, u dan għandu impatt dirett fuq l-għajxien tal-bdiewa u jxekkel il-kapaċità tagħhom li jinvestu, jippjanaw u jinnovaw. Dan jibqa' l-fattur ewlieni fil-mobilizzazzjoni tal-bdiewa li l-UE esperjenzat dan l-aħħar.

Filwaqt li ħafna żgħażaġħ jesprimu interess fil-biedja bħala karriera, u xi wħud huma involuti b'suċċess f'intrapriżi agrikoli tal-familja b'saħħithom, hemm ħafna sfidi u ostakli. Il-perspettivi ta' introjt inċerti ħafna, flimkien mar-rekwiżiti regolatorji kumplessi li jistgħu jissarrfu f'piżijiet burokratiċi li joħonquhom, il-profittabbiltà baxxa li xxekkel l-investimenti, il-produzzjoni suxxettibbli għall-kriżijiet, it-tibdil demografiku, id-disparità bejn il-ġeneri, in-nuqqas ta' aċċess għal servizzi bażiċi f'xi żoni rurali, u t-tbatija tal-professjoni huma fost il-fatturi li jistgħu jwasslu biex kulma jmur il-biedja ma tkunx attraenti għall-ġenerazzjonijiet futuri. L-impatt kumulattiv tas-settur agroalimentari spiss iżid mal-persjoni għolja fuq l-ambjent u l-klima, filwaqt li fl-istess ħin il-bdiewa jiddependu fuq in-natura biex jiżguraw il-produzzjoni futura. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-isfidi huma kondiviżi mill-produtturi primarji fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, kif ukoll mis-settur agroalimentari kollu kemm hu.

In-nuqqas ta' ċertezza u ta' stabbiltà għall-futur professjonali tal-bdiewa Ewropej wassal għall-protesti mifruxa reċenti fl-UE. F'dan l-isfond, huwa essenzjali li l-UE **tirrikonoxxi r-rwol vitali li jaqdu l-bdiewa f'ħajjina u fl-għajxien tagħna, terġa' tkebbes il-kompetittività u ssaħħaħ l-attraenza ta' din il-professjoni sabiex tkun tista' tirnexxi, tinnova u tipprovi l-bosta benefiċċji tagħha lis-soċjetà tagħna – illum, għada u fl-2040**. Dan huwa ferm iktar rilevanti fid-dawl tat-tkabbir futur, u l-isfidi u l-opportunitajiet relatati għall-agrikoltura u għall-bdiewa, fl-Istati Membri attwali u futuri tal-UE.

Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi viżjoni għas-sistema agroalimentari tal-Ewropa għall-2040 u lil hinn u tippreżenta pjan direzzjonali biex tiggwida l-azzjoni tal-UE biex tiżgura li **l-politiki kollha jaħdmu id f'id ma' din il-viżjoni** u li jkun adattati għar-realtajiet ġodda. F'ħafna oqsma, se jkun meħtieġ allinjament aħjar bejn il-politiki nazzjonali u tal-UE biex jintlaħqu l-għanijiet. Din il-viżjoni tappoġġa wkoll it-tweqqi tal-Boxxla għall-Kompetittività tal-UE, l-inizjattiva ewlenija kumplessiva tal-UE biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-UE<sup>8</sup>. Il-**Patt dwar l-Oċeani** li qed jifassal se jstabbilixxi wkoll il-qafas għall-ingranaġġ taż-żona marittima u tal-kosta vasta tal-UE biex tingħata spinta lis-sigurtà tal-ikel, filwaqt li jiġi ppreservat l-assi naturali li s-settur tas-sajd jiddependi fuqu u tingħata spinta lill-kompetittività permezz tal-innovazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tħejji viżjoni għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura b'perspettiva għall-2040 biex tiżgura l-kompetittività u s-sostenibbiltà fit-tul tagħha, se taħdem biex tiżgura l-ħolqien tal-impjiegi u se tindirizza l-kwistjonijiet urġenti li jaffettwaw lill-komunità tas-sajd.

<sup>6</sup> Eurostat, [Farmers and the agricultural labour force - statistics - Statistics Explained](#), aċċessat fi Frar 2025.

<sup>7</sup> Id-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali, [EU Farm Economics Overview](#), aċċessat fi Frar 2025.

<sup>8</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2025), *Boxxla għall-Kompetittività tal-UE*, COM(2025) 30 final.

Din il-Komunikazzjoni tibni fuq diversi inputs strateġiċi, inkluż b'mod partikolari d-Djalogu Strateġiku dwar il-futur tal-agrikoltura tal-UE<sup>9</sup>, kif ukoll ir-rapporti ta' Draghi<sup>10</sup>, ta' Letta<sup>11</sup> u ta' Niinistö<sup>12</sup>. Din tiset ukoll mill-konklużjonijiet tal-Kaprijiet ta' Stat u ta' Gvern tal-UE<sup>13</sup>, mill-konklużjonijiet tal-Presidenza Belġjana tal-Kunsill dwar il-futur tal-agrikoltura (2024), kif ukoll mill-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2024 dwar il-futur tal-PAK. Tkompli tibni wkoll fuq l-Opinjonijiet u r-Riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Reġjuni.

Ir-rispons ta' politika huwa artikolat madwar **erba' oqsma ta' prijorità fundamentali**. Il-Komunikazzjoni tispjega **l-linji ta' ħidma** dwar kif dawn l-inizjattivi ta' politika se jissawru b'mod inklużiv u kooperattiv. It-twertiq ta' dawn l-oqsma ta' prijorità jiddependi l-iktar fuq elementi importanti ta' akkumpanjament, jiġifieri **s-simplifikazzjoni** tal-qafas regolatorju li għandu impatt fuq il-bdiewa u l-katina tal-valur agroalimentari kollha, u **l-innovazzjoni** li toffri soluzzjonijiet għal tranżizzjoni sostenibbli.

### ***Mod ġdid ta' ħidma: Nibnu l-fiduċja u d-djalogu***

L-esperjenza tgħallimna li ċerti suġġetti relatati mal-ikel u mal-agrikoltura jistgħu jkunu polarizzanti ħafna u l-konsensus tas-soċjetà x'aktarx li joħroġ iktar minn approċċi inklużivi. Għalhekk, il-qofol ta' din il-Viżjoni huwa mod ġdid ta' ħidma biex il-fiduċja u d-djalogu jinbnew fis-sistema agroalimentari kollha, fl-UE u globalment.

L-ewwel passi diġà nkisbu bid-Djalogu Strateġiku u s-sett ta' rakkomandazzjonijiet maqbul unanimament tiegħu. Iżda dan id-djalogu jrid isir iktar profond fil-prattika, b'interazzjoni sostnuta u iktar effettiva mal-bdiewa, mal-operaturi tal-katina alimentari u mas-soċjetà ċivili fil-livell lokali u reġjonali madwar l-Ewropa kollha, filwaqt li t-tħassib u l-ideat tagħhom jingħataw widen. Fl-istess ħin, il-mekkaniżmi eżistenti biex jitrawmu d-djalogu u l-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati fil-livell tal-UE, **bħall-Gruppi ta' Djalogu Ċivili attwali**, jeħtieġ li jiġu rieżaminati biex tiġi ggarantita parteċipazzjoni iktar sinifikanti u effettiva fit-tfassil tal-politiki futuri. Il-**Bord Ewropew il-ġdid dwar l-Agricoltura u l-Ikel**<sup>14</sup> se jkun qed jappoġġa lill-Kummissjoni fil-ħolqien ta' politiki inklużivi billi se jipprovdi konsulenza strateġika u se jrawwem kultura ġdida ta' djalogu fost l-atturi differenti fil-katina agroalimentari. Barra minn hekk, in-**Network tal-PAK tal-UE** se jkompli jiffaċilita l-iskambji fost l-atturi rilevanti kollha u d-**Djalogi Annwali dwar il-Politika taż-Żgħażaġħ** se jagħtu s-setgħa lill-inklużjoni sinifikanti taċ-ċittadini u tal-bdiewa żgħażaġh fid-diskussjonijiet ta' politika.

Finalment, il-Kummissjoni se jibqa' jkollha **djalogu permanenti mal-istituzzjonijiet u mal-korpi l-oħra kollha tal-UE**, b'mod partikolari l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, kif ukoll l-organizzazzjonijiet u s-sħab internazzjonali ewlenin. Sabiex jiġi żgurat **monitoraġġ**

<sup>9</sup> [Strategic Dialogue on the future of EU Agriculture. A shared prospect for farming and food in Europe](#). 2024.

<sup>10</sup> Draghi, M., [The future of European competitiveness](#). Settembru 2024.

<sup>11</sup> Letta, E., *Much more than a market. Speed, Security, Solidarity. Empowering the Single Market to deliver a sustainable future and prosperity for all EU Citizens*, 2023.

<sup>12</sup> Niinistö, S., *Safer together – Strengthening Europe's Civilian and Military Preparedness and Readiness*, 2024.

<sup>13</sup> L-Aġenda Strateġika 2024 – 2029 tal-Kunsill Ewropew, id-Dikjarazzjoni ta' Versailles tal-2022, id-Dikjarazzjoni ta' Granada tal-2023 u d-Dikjarazzjoni ta' Budapest tal-2024.

<sup>14</sup> [Grupp konsultattiv ta' livell għoli](#) bi 30 organizzjoni membru li jirrappreżentaw tliet kategoriji ta' partijiet ikkonċernati: il-komunità tal-biedja, atturi oħra fil-katina tal-provvista tal-ikel, u s-soċjetà ċivili, inkluż oqsma bħall-ambjent u l-klima, il-benessri tal-annimali, u kwistjonijiet tal-konsumatur.

**effettiv tal-implimentazzjoni ta' din il-Viżjoni**, il-Kummissjoni se tirrapporta regolarment lill-istituzzjonijiet kollha tal-UE dwar il-progress rigward it-twettiq b'suċċess tad-diversi inizjattivi.

## **2. VIŻJONI U OBJETTIVI GĦALL-2040: SISTEMA AGROALIMENTARI LI TKUN ATTRAENTI, KOMPETTITIVA, SOSTENIBBLI U ĠUSTA GĦALL-ĠENERAZZJONIJIET ATTWALI U FUTURI**

L-Unjoni tal-2040 trid tkun post fejn il-biedja u l-produzzjoni tal-ikel jirnexxu madwar il-kontinent tagħna fid-diversità kollha tagħhom. Post fejn il-biedja tkun attraenti għall-ġenerazzjonijiet futuri, u s-settur agroalimentari jkun kompetittiv, reżiljenti, validu għall-futur u ġust.

Il-futur ta' dan is-settur strateġiku jissejjes fuq il-kapaċità tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet it-tajba li jiffaċilitaw:

- **Settur agroalimentari attraenti u prevedibbli fejn l-introjtu jippermetti lill-bdiewa jirnexxu**, u jattira lill-ġenerazzjonijiet futuri<sup>15</sup> li jkomplu jipproduċu ikel li jkun tajjeb għall-but ta' kulħadd u jissodisfa d-domanda tal-konsumaturi; fejn ikun hemm kundizzjonijiet favorevoli li jippermettu lis-settur agroalimentari jisfrutta l-potenzjal intraprenditorjali tiegħu, appoġġat minn sorsi ta' introjtu u ħiliet differenti biex jinħatfu l-opportunitajiet tal-innovazzjoni, tat-teknoloġija u tat-tranżizzjoni ekoloġika; fejn is-servizzi tal-ekosistema li jkunu ta' benefiċċju għall-ambjent, għall-ilma, għall-ħamrija jew għall-kwalità tal-arja, bħal fis-settur organiku li qed jikber, jiġu ppremjati kif xieraq; fejn katina alimentari li tiffunzjona b'mod ġust tiżgura li l-piż u l-kostijiet tat-tranżizzjoni jinqasmu b'mod ekwu tul il-katina.
- **Settur agroalimentari li jkun kompetittiv u reżiljenti fid-dawl taż-żieda fil-kompetizzjoni u x-xokkijiet globali**. Dan jiddependi fuq il-kapaċità tal-UE li tiddiversifika r-relazzjonijiet kummerċjali tagħha, li toħloq opportunitajiet ġodda ta' esportazzjoni għas-settur u li tnaqqas id-dipendenzi kritiċi; meta l-qafas u l-azzjonijiet globali jippermettu lill-bdiewa jikkompetu b'kundizzjonijiet ekwivalenti globalment, itaffu l-piż tal-burokrazija f'pajjiżhom u jżidu r-reżiljenza tas-settur biex ikun jista' mhux biss jirreżisti u jirkupra mix-xokkijiet iżda wkoll jadatta u jittrasforma. L-UE qed tkompli tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel globali u taqdi r-rwol tagħha ta' bini ta' sħubijiet madwar id-dinja.
- **Settur agroalimentari validu għall-futur li jiffunzjona fi ħdan il-konfini planetarji**, fejn il-biedja u s-settur tal-ikel jikkontribwixxu flimkien għall-oġettivi klimatiċi tal-UE, filwaqt li jippreservaw il-ħamrija f'saħħitha, l-ilma u l-arja nodfa, u jipproteġu u jgħinu l-bijodiversità tal-Ewropa tirpilja. Il-partijiet ikkonċernati tul il-katina alimentari jikkontribwixxu b'mod konġunt biex jinkisbu dawn ir-riżultati u jaqsmu r-riskji tat-tranżizzjoni. Is-segmenti kollha tas-sistema agroalimentari huma mħejjija ferm aħjar biex jifilħu għall-effetti tat-tibdil fil-

<sup>15</sup> Krzysztofowicz, M., Rudkin, J., Winthagen, V. u Bock, A., *Farmers of the future*, EUR 30464 EN, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2020, ISBN 978-92-76-26331-9, doi:10.2760/5237, JRC122308.

klima, it-telf tal-bijodiversità u t-tniġġis, jużaw ir-riżorsi naturali b'mod sostenibbli u effiċjenti u joperaw skont approċċ ta' "Saħħa Waħda".

- **Settur agroalimentari li jagħti valur lill-ikel, irawwem kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien ġusti, kif ukoll żoni rurali u kostali vibranti u konnessi sew**, inkluż ir-reġjuni ultraperifiċi; fejn iż-żoni rurali jiffaċilitaw id-dritt taċ-ċittadini tagħhom li jibqgħu fit-territorju; fejn ir-rabta bejn l-ikel, it-territorju, l-istaġjonalità, il-kulturi u t-tradizzjonijiet jitħaddnu bħala partijiet integrali tal-istil ta' ħajja Ewropew; fejn l-UE tibqa' ta' quddiem nett fid-dinja fl-innovazzjoni tal-ikel u fis-sikurezza alimentari, u l-ikel ikun tajjeb għall-but taċ-ċittadini; fejn is-saħħa mentali ma tkunx tabù iżda tkun parti mis-sistema ta' appoġġ soċjali għall-bdiewa u għall-ħaddiema; fejn il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol jattiraw iktar nisa u żgħażaġħ lejn il-professjoni u jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema fl-azjendi agrikoli u tul il-katina tal-valur alimentari.

Finalment, b'mod essenzjali għat-tweqqif ta' din il-Viżjoni, is-sistema agroalimentari tal-Ewropa qed tinvesti u tingrana l-qawwa trasformattiva li joffru **r-riċerka, l-għarfien, il-ħiliet u l-innovazzjoni**.

### **3. INFASSLU FLIMKIEN IR-RISPONSI TA' POLITIKA GĦAL SETTUR AGROALIMENTARI TA' SUĊĊESS**

Din il-viżjoni tista' tinkiseb biss permezz ta' rispons ta' politika koerenti u li jħares 'il quddiem, li jissejjes madwar il-mistoqsija ċentrali: kif se tinbena sistema agroalimentari li tkun ekonomikament, soċjalment u ambjentalment sostenibbli, u b'hekk attraenti, kompetittiva, valida għall-futur u ġusta għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri?

#### **3.1. Nibnu settur attraenti li jiżgura standard tal-għajxien ġust u li joħloq opportunitajiet ġodda ta' introjtu**

Iktar minn 60 sena ilu, l-UE impenjat ruħha li tiżgura standard tal-għajxien ġust għall-komunità agrikola, kif stabbilit fl-Artikolu 39 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dan l-impenn huwa rilevanti issa daqskemm kien dak iż-żmien. Bħala medja, minkejja l-isforzi li saru, l-introjtu agrikolu kumplessiv għal kull ħaddiem għadu ferm iktar baxx mill-pagi medji fl-ekonomija kollha (60 % tal-pagi medji fl-2023)<sup>16</sup>.

Il-bdiewa ma jridux jiddependu fuq l-appoġġ pubbliku, iżda n-natura volatili ta' din il-professjoni u l-iżbilanċi fis-suq spiss jeħtieġu dan. Meta niddefinixxu l-miżuri differenti biex jinkiseb standard tal-għajxien ġust, **irridu nużaw is-sorsi kollha ta' introjtu**: id-dħul mis-suq, l-appoġġ pubbliku kif ukoll is-sorsi ta' introjtu komplementari diversifikati u ġodda.

#### ***Katina alimentari ġusta u ekwa***

L-ewwel nett, il-bdiewa jridu jiksibu **dħul aħjar mis-suq**, li jippermettilhom jagħmlu l-investimenti meħtieġa biex l-azjendi agrikoli tagħhom jibqgħu validi fil-futur u jkunu iktar reżiljenti. Prerekwiżit għal dan huwa li jiġu kkoreġuti l-iżbilanċi attwali fil-katina alimentari fejn distribuzzjoni inġusta tad-dħul, tar-riskji u tal-piż tal-kostijiet spiss taffettwa b'mod sproporzjonat lill-produtturi primarji. **Il-prattiki li bihom il-bdiewa**

<sup>16</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, [Agri-food Data Portal: Jobs and Growth in Rural Areas. Farmers' income compared to wage in the rest of the economy](#), aċċessat fi Frar 2025.

**jìgu sistematikament imġiegħla jbigħu bi prezz inqas mill-kostijiet mhux se jìgu ttollerati.**

Diġà ttieħdu l-ewwel passi biex il-pożizzjonijiet jìgu bbilanċjati mill-ġdid u jìgi ffaċilitat l-infurzar xieraq tar-regoli li jindirizzaw il-prattiki kummerċjali inġusti bil-proposti adottati mill-Kummissjoni fid-9 ta' Diċembru 2024<sup>17</sup>. Dawn se jsaħħu l-pożizzjoni tal-produtturi fin-negozjar u fil-konklużjoni tal-kuntratti u se jiproteġu aħjar lill-bdiewa kontra l-prattiki kummerċjali inġusti.

Barra minn hekk, diversi Stati Membri rrikorrew għal regoli nazzjonali li għandhom l-għan li jindirizzaw l-isfida tal-produzzjoni bi prezz inqas mill-kost, li madankollu jaf iwasslu għal approċċi differenti fis-Suq Uniku. Bħala parti mill-evalwazzjoni tar-regoli attwali, il-prattiki kummerċjali inġusti se jìgu investigati iktar, flimkien ma' rieżami tar-regolamenti nazzjonali kif rakkomandat mid-Djalogu Strateġiku. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni se tipproponi iktar inizzjattivi, b'mod partikolari r-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Prattiki Kummerċjali Inġusti **biex tindirizza l-prinċipju li l-bdiewa ma għandhomx jìgu sistematikament imġiegħla jbigħu l-prodotti tagħhom bi prezz inqas mill-kostijiet tal-produzzjoni**, kif ukoll ir-rieżami tar-Regolament dwar l-OKS fil-kuntest tal-proposti tal-PAK ta' wara l-2027.

Fl-istess ħin, kif issuġġerit mid-Djalogu Strateġiku, il-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-valur trid tissaħħaħ billi jìgu mħeġġa jingħaqdu ma' kooperattivi u/jew assoċjazzjonijiet biex jitnaqqsu l-kostijiet, tiżdied l-effiċjenza u jittejjbu l-prezzijiet mis-suq. Il-PAK diġà qed tappoġġa lill-bdiewa f'dan ir-rigward.

Barra minn hekk, element ewlieni biex jìgu stimolati l-fiduċja u l-ġustizzja huwa t-**trasparenza** dwar kif jìgu ffurmati u jinqasmu l-kostijiet u l-marġnijiet fil-katina alimentari. Il-Kummissjoni se tkompli ttejjeb it-trasparenza tul il-katina alimentari, inkluż permezz tal-**Osservatorju l-ġdid tal-UE tal-Katina Agroalimentari** (AFCO) li se jelabora u se jippubblika indikaturi relatati mal-formazzjoni tal-prezzijiet fil-katina alimentari biex jiggwidaw azzjoni ulterjuri. Dawk l-istrumenti għandhom jappoġġaw ukoll il-kompetittività fit-tul tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (Small and Medium - sized Enterprises, SMEs) fis-settur tal-ikel u tax-xorb li ntlaw b'mod partikolari mill-inflazzjoni reċenti.

### ***Appoġġ pubbliku iktar ġust u mmirat aħjar***

Sabiex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni ta' biedja li tattira lill-ġenerazzjonijiet futuri ta' bdiewa madwar l-UE, l-appoġġ pubbliku permezz tal-PAK **jibqa' essenzjali biex jìgi appoġġat l-introjtu tal-bdiewa**. Il-pagamenti diretti tal-PAK għad għandhom rwol kruċjali fl-appoġġ u fl-istabbilizzazzjoni tal-introjtu agrikolu fil-livell tal-azjendi agrikoli, u jammontaw għal medja ta' 23 % tal-introjtu tal-azjendi agrikoli fl-2020<sup>18</sup>.

Il-PAK futura, bħala parti mill-proposti futuri tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), se tkun iktar sempliċi u iktar immirata, biex tappoġġa **politika agrikola tal-UE li tkun ambizzjuża u orjentata lejn il-futur**. Se tiddefinixxi bilanċ iktar ċar bejn il-politiki regolatorji u dawk ibbażati fuq l-inċentivi li jaffettwaw lill-bdiewa.

<sup>17</sup> L-emendi proposti reċentement għar-**Regolament dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq (OKS)** għandhom l-għan li jsaħħu l-pożizzjoni tal-produtturi fin-negozjar u fil-konklużjoni tal-kuntratti għall-provvista tal-prodotti agrikoli, li jrawmu l-kooperazzjoni fost il-bdiewa u li jtejjbu t-trażmissjoni tal-prezzijiet. B'mod simili, ir-regoli l-ġodda proposti dwar l-infurzar transfruntier fil-qafas tad-**Direttiva dwar il-Prattiki Kummerċjali Inġusti** għandhom jgħinuna niproteġu aħjar lill-bdiewa kontra l-prattiki kummerċjali inġusti.

<sup>18</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2023). *Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Sommarju tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK 2023-2027: sforz konġunt u ambizzjoni kollettiva*.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrikonoxxi li l-immagna pubblika tal-PAK ġiet affettwata minn perçezjonijiet ta' nuqqas ta' gùstizzja fid-distribuzzjoni tal-pagamenti f'xi territorji.

Bħala prinċipju ġenerali, l-appoġġ futur tal-PAK għalhekk se jkun iktar dirett lejn il-bdiewa li jinvolvu ruħhom **b'mod attiv** fil-produzzjoni tal-ikel, lejn il-vitalità ekonomika tal-azjendi agrikoli u lejn il-preservazzjoni tal-ambjent tagħna. L-approçç għandu jikkunsidra wkoll il-prijoritizzazzjoni tal-produzzjoni ta' prodotti agrikoli li huma essenzjali għall-awtonomija strateġika u għar-reżiljenza tal-UE.

Il-bdiewa żgħar u medji jiffurmaw in-nisġa soçjali taż-żoni rurali, filwaqt li jipproteġu n-natura u l-għajxien. Dawn għandu jkollhom il-kundizzjonijiet li jippermettulhom jaħdmu mingħajr piż amministrattiv eçcessiv. Minħabba l-iskala tagħhom, il-Kummissjoni se tikkunsidra li l-użu ta' **għodod simplifikati ta' appoġġ għall-introjt** tagħmlu iktar attraenti u testendih permezz ta' sistema razzjonalizzata ta' kundizzjonijiet u ta' kontrolli.

L-appoġġ għandu jkun dirett iktar **lejn dawk il-bdiewa li iktar għandhom bżonnu**, b'attenzjoni partikolari għall-bdiewa fiż-żoni b'restrizzjonijiet naturali, għall-bdiewa żgħażaġh u ġodda, u għall-azjendi agrikoli mħallta.

Se jiġi kkunsidrat l-użu mtejjeb ta' **miżuri bħad-digressività u l-iffissar ta' limiti massimi**, filwaqt li se jitqiesu r-realtajiet strutturali u settorjali differenti tal-Istati Membri. Il-bdiewa kollha għandhom ikomplu jibbenefikaw ukoll minn strumenti bħal pagamenti għal servizzi tal-ekosistema li se jiġu razzjonalizzati u ssimplifikati, kif ukoll appoġġ għall-investment, u għodod għall-ġestjoni tal-kriżijiet u tar-riskji.

Filwaqt li nibnu fuq l-esperjenza tal-Pjanijiet Strateġiçi attwali tal-PAK, **hemm bżonn ta' iktar razzjonalizzazzjoni ta' kif tiġi implimentata l-PAK**. Il-kumplessità attwali titlob approçç iktar strateġiku.

Il-PAK futura għal wara l-2027 se tiddependi fuq objettivi bażiçi ta' politika u rekwiżiti ta' politika mmirati, filwaqt li se tagħti lill-Istati Membri iktar responsabbiltà u obbligu ta' rendikont dwar kif se jilhqqu dawn l-objettivi.

Il-flessibbiltà se tiġi estiża għall-bdiewa, u se tagħtihom iktar lok biex ifasslu Prattiki tal-biedja li jkunu iktar imfassla għall-azjendi agrikoli u għall-kuntest tagħhom. Is-sistema attwali ta' kondizzjonalità se tiġi ssimplifikata. Il-bdiewa wieġbu b'mod pożittiv għall-introduzzjoni ta' ekoskemi, li jippremjawhom biex jipprovdu servizzi tal-ekosistema li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti obbligatorji. Il-Kummissjoni se torjenta l-PAK futura **lil hinn mill-kundizzjonijiet u iktar lejn l-inçentivi**.

### ***Il-ħolqien tal-opportunitajiet ta' innovazzjoni li jippremjaw***

Il-bdiewa, min-natura tagħhom, huma innovaturi u intraprendituri. **Il-bdiewa żgħażaġh iridu jkunu l-ixpruni tal-innovazzjoni**. Qed jitfaççaw opportunitajiet ġodda għal sorsi komplementari ta' introjt għall-bdiewa kif ukoll għas-sajjeda minn ekonomija newtrali għall-klima u pożittiva għan-natura.

Eżempji konkreti huma s-**settur organiku li qed jikber u l-prattiki tal-biedja agroekoloġika** li juru bil-provi li huma opzjonijiet attraenti għall-bdiewa żgħażaġh, u jgħaqqdu l-possibbiltajiet ekonomiçi mar-riżultati ambjentali u mar-responsabbiltà soçjali.

Għal oħrajn, l-innovazzjoni toffri opportunitajiet ġodda u eççitanti. Pereżempju, il-**bijoeconomija u è-çirkolarità** joffru potenzjal kbir għall-agrikoltura, għall-forestrija u għas-sistema alimentari kollha, kif ukoll għat-tnaqqis tad-dipendenzi kritiçi tagħna. L-**Istrateġija l-ġdida dwar il-Bijoeconomija**, li trid tiġi ppreżentata sa tmiem l-2025, se

jkollha l-għan li tqiegħed lill-Unjoni Ewropea fuq quddiem nett globalment fis-suq tal-bijoeconomija li qed jespandi b'rata mgħaġġla. Irridu naççelleraw il-kummerçjalizzazzjoni ta' soluzzjonijiet b'bażi bijoloġika u ċirkolari, inżidu l-bijoteknoloġiji rivoluzzjonarji, nidentifikaw l-opportunitajiet emerġenti fis-suq u nnaqqsu d-diskrepanzi fl-investment. Dan se jkun partikolarment ta' benefiċċju għall-komunità tal-biedja billi jippermetti d-diversifikazzjoni tal-flussi tal-valur, il-valorizzazzjoni tar-residwi tal-azjendi agrikoli, it-tisħiħ tar-rwol tal-produtturi primarji fil-katina tal-valur u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda fiż-żoni rurali. Il-Kummissjoni se taħdem mas-sħab internazzjonali, b'mod partikolari permezz tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura (FAO, Food and Agriculture Organisation), biex flimkien jidentifikaw modi sostenibbli ta' mobilizzazzjoni tal-potenzjal tal-bijoeconomija għall-bdiewa mhux biss fl-Ewropa iżda wkoll madwar id-dinja.

Apparti l-appoġġ pubbliku, l-għodod ta' finanzjament innovattivi, inkluż finanzjament privat u pubbliku-privat imħallat għan-natura, jistgħu jippremjaw lill-bdiewa li jkollhom Prattiki Pożittivi għan-natura jew li jagħmlu tranżizzjoni lejhom u jlaqqgħuhom flimkien ma' kumpaniji u investituri b'interess kummerċjali f'tali Prattiki.

**Il-kultivazzjoni karbonika** diġà qed tfeġġ bħala sors addizzjonali ta' introjtu. Ir-Regolament dwar l-Assorbimenti tal-Karbonju u l-Kultivazzjoni Karbonika (CRCF, Carbon Removals and Carbon Farming)<sup>19</sup> ħoloq l-ewwel qafas volontarju għall-UE kollha għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju, il-kultivazzjoni karbonika u l-ħżin tal-karbonju fil-prodotti madwar l-Ewropa, u attwalment qed jiġu żviluppati metodoloġiji ta' ċertifikazzjoni biex jimmonitorjaw, jirrapportaw u jivverifikaw b'mod affidabbli l-assorbimenti tal-karbonju, it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ħamrija, u l-benefiċċji tal-bijodiversità. Meta jkun possibbli, dawn il-metodoloġiji se jibnu fuq skemi eżistenti, li diġà jirnexxihom jipprovdu lill-bdiewa b'introjtu addizzjonali. Ladarba jiġu żviluppati bis-sħiħ, għandhom jiġu stimolati modi effettivi ta' rikonċiljazzjoni tal-offerta u d-domanda ta' dawn il-krediti volontarji biex jiġu ottimizzati l-opportunitajiet ta' introjtu addizzjonali tagħhom għall-bdiewa.

Għall-ġejjieni, il-Kummissjoni se tikkomplementa dan bl-iżvilupp ta' opportunitajiet għal **kreditu tan-natura**, unitajiet ta' azzjonijiet pożittivi għan-natura, li jirrappreżentaw eżiti kwantifikati u ċertifikati li jkunu pożittivi għan-natura u ta' kwalità għolja. Għadd ta' skemi eżistenti żviluppati minn operaturi kummerċjali u proġetti pilota li għaddejjin, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak internazzjonali, juru l-potenzjal importanti għal proġetti bħal dawn, li fuqhom tista' tinbena iktar ħidma.

Qed jitfaċċaw ukoll opportunitajiet importanti dwar il-**produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli**, li jwittu t-triq għat-titjib tas-sigurtà tal-enerġija, għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, u joffru lill-bdiewa u lill-forestiera prospetti addizzjonali ta' introjtu u ta' innovazzjoni. Il-bdiewa mhux biss għandhom ikunu saħansitra iktar **awtosuffiċjenti fl-enerġija pereżempju bil-pannelli solari, bl-imtieħen tar-riħ u bil-produzzjoni tal-bijogass**, iżda għandhom ikunu kapaċi wkoll **iwasslu l-prodotti tal-enerġija tagħhom fis-suq**, inkluż permezz tal-komunitajiet tal-enerġija.

Eżempji:

<sup>19</sup> Ir-Regolament 2024(UE)3012.

Id-diġitalizzazzjoni (inkluż l-Intelliġenza Artifiċjali (IA)), ir-riċerka u t-teknoloġiji innovattivi tal-AgriTech għandhom potenzjal li jirrivoluzzjonaw il-biedja u li jnaqqsu l-kostijiet fl-azjendi agrikoli, u b'hekk jikkontribwixxu għal introjti aħjar.

- Il-pjattaformi tal-kummerċ elettroniku, l-għodod tal-kummerċjalizzazzjoni diġitali, u s-swieq online jistgħu jgħinu lill-bdiewa u lil atturi oħra tas-sistema agroalimentari jilħqu bażi usa' ta' klijenti u jiddiversifikaw il-flussi tad-dħul tagħhom.
- Il-biedja ta' preċiżjoni u s-soluzzjonijiet ibbażati fuq id-data jistgħu jżidu l-profittabbiltà permezz tal-ottimizzazzjoni tal-inputs.
- Il-100 laboratorju ħaj tal-missjoni ta' riċerka u ta' innovazzjoni ta' Orizzont Ewropa "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa" huma riżorsa bla preċedent biex jappoġġaw lill-bdiewa ħalli jtejbu l-ħamrija tagħhom fil-kuntest tal-prezzijiet għoljin tal-inputs għall-fertilizzanti, l-iskarsezza tal-ilma u fenomeni estremi oħra bħall-għargħar.

### *Nibnu aġenda ambizzjuża ta' investment*

Sistema agroalimentari reżiljenti u sostenibbli teħtieġ investment sinifikanti u għaldaqstant **azzjoni kuraġġuża biex tiffinanzja u tneħħi r-riskji tat-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà**. Huwa smat li s-settur tal-azjendi agrikoli qed jiffaċċja diskrepanza sinifikanti fil-finanzjament li tammonta għal EUR 62 biljun (għall-2022), ferm ogħla milli fl-2017<sup>20</sup>. Iżda l-ksib ta' self minn bank, istituzzjonijiet finanzjarji jew investitur privat huwa diffiċli, speċjalment għall-bdiewa żgħażagħ. Din hija konsegwenza tad-daqs relattivament żgħir tal-azjendi agrikoli, ir-redditi baxxi jew modesti fuq l-investment, il-profittabbiltà u r-riskji varjabbli ħafna, l-output tal-produzzjoni imprevedibbli minħabba l-impatti tat-temp u tal-klima u l-esponiment għal swieq (globali) volatili tal-komoditajiet.

Il-PAK se tkompli tiffinanzja investimenti biex jitrawmu l-kompetittività, is-sostenibbiltà u r-reżiljenza tas-settur tal-biedja. Dan jinkludi l-investimenti li spiss ikunu fuq skala relattivament żgħira fil-livell tal-azjendi agrikoli kif ukoll l-infrastruttura pubblika u privata meħtieġa għall-modernizzazzjoni tas-settur. L-istrumenti eżistenti jistgħu jsaħħu lil xulxin biss jekk jintużaw b'mod iktar intelliġenti fil-futur.

Il-Kummissjoni se taħdem biex tuża b'mod effiċjenti l-finanzjament u l-investment pubbliċi, tingrana l-kapital privat u tneħħilu r-riskji, filwaqt li taħdem mill-qrib ma' investituri istituzzjonali bħall-**Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investment (GBEI)** kif ukoll is-settur bankarju.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni se tesplora opzjonijiet biex tistabbilixxi skemi ta' assigurazzjoni tar-riskji għall-produtturi primarji u tesplora wkoll sħubijiet pubbliċi-privati biex **tattira investimenti għall-SMEs fl-agrikoltura u fin-negozju tal-ikel** biex tissaħħaħ it-trasformazzjoni tal-katina agroalimentari.

### *Inrawmu l-intraprenditorija: strateġija ġdida ta' tiġdid ġenerazzjonali*

Il-futur tas-sovranià tal-ikel fl-Ewropa fl-2040 jiddependi fuq il-bdiewa żgħażagħ u ġodda tal-lum.

Waħda mill-prekundizzjonijiet għal attraenza ikbar tas-settur agrikolu hija li **jiġu indirizzati l-ostakli ewlenin għat-tiġdid ġenerazzjonali**, b'mod partikolari l-aċċess għall-art, l-investimenti, u l-ħiliet, fost l-oħrajn. "Id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju"

<sup>20</sup> Il-Kummissjoni Ewropea u l-BEI, *Financing gap in the EU agricultural and agri-food sectors*, FI Compass, 2023.

jista' jiġi applikat għall-istabbiliment ta' bdiewa żgħażaġh li jixtiequ jibqgħu u li jixtiequ jaħdmu fit-territorji tagħhom.

Iżda din ir-responsabbiltà ma tistax tinġarr biss mill-PAK. L-istimolar ta' tiġdid ġenerazzjonali reali jirrikjedi approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha u taħlita ta' politiki f'oqsma u f'responsabbiltajiet differenti, li ħafna minnhom jaqgħu taħt il-kompetenzi nazzjonali u reġjonali.

Il-Kummissjoni se tmexxi l-ħidma fuq l-**Istrateġija tat-Tiġdid Ġenerazzjonali** li se titwassal fl-2025, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, mal-Parlament Ewropew u mal-partijiet ikkonċernati ewlenin. Din l-istrateġija se **tipprovd** **rakkomandazzjonijiet** għar-rispons ta' politika u għall-miżuri meħtieġa, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali/reġjonali.

Id-disponibbiltà limitata ta' **art** għammiela f'kuntest ta' kompetizzjoni dejjem tikber għall-użu tagħha u l-konsegwenza tat-tibdil fil-klima tpoġġi lill-komunità tal-biedja, u b'mod partikolari lil min jidħol għid fis-settur, f'sitwazzjoni diffiċli. Il-politika dwar l-art tkopri ħafna aspetti, prinċipalment fi ħdan il-kompetenzi nazzjonali. Din il-ħidma għandha tikkunsidra l-kundizzjonijiet tal-mobbiltà u tat-trasferiment tal-art, kif ukoll il-prinċipji ta' mitigazzjoni tat-teħid tal-art, filwaqt li tibni fuq l-eżempji tajbin minn diversi Stati Membri fl-iskemi tal-mobbiltà tal-art. Daqstant importanti hija t-trasparenza fl-ippjanar u fix-xiri tal-art. L-Istati Membri għandhom il-potenzjal li jiżviluppaw xpruni b'saħħithom fis-sett ta' għodod nazzjonali tagħhom li jistgħu jiffaċilitaw it-tiġdid ġenerazzjonali inkluż permezz ta' **skemi tal-irtirar u inċentivi tat-taxxa**.

Bi tweġiba għat-talba tal-Parlament Ewropew, u skont ir-rakkomandazzjoni mid-Djalogu Strateġiku, il-Kummissjoni Ewropea se taħdem biex tniedi **Osservatorju tal-UE għall-Art Agrikola**<sup>21</sup>. Se nsaħħu t-trasparenza u l-kooperazzjoni f'dominji bħat-tranżazzjonijiet tal-art u t-trasferimenti tad-drittijiet tal-użu tal-art, ix-xejriet tal-prezzijiet u l-imġiba tas-suq, il-bidliet fl-użu tal-art, kif ukoll it-telf tal-art agrikola u naturali. L-osservatorju se jgħin ukoll lill-Istati Membri jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar ir-regolamentazzjoni tas-swieq tal-artijiet agrikoli tagħhom. It-trasparenza mtejba tal-iżviluppi tas-swieq u l-kooperazzjoni madwar l-UE se jagħmluha iktar faċli li jinkisbu l-interessi leġittimi tal-politika agrikola f'konformità mal-libertajiet tas-suq uniku.

### 3.2. Settur kompetittiv u reżiljenti quddiem l-isfidi globali

F'dinja interkonnessa li fiha l-UE hija kemm l-ikbar esportatur agroalimentari fid-dinja kif ukoll wieħed mill-ikbar importaturi, il-mod kif nipproduċu, nikkonsmaw u nikkummerċjalizzaw il-prodotti agrikoli għandu impatt kbir fuq ir-relazzjonijiet tagħna ma' pajjiżi terzi<sup>22</sup>.

Il-gwerer u l-kunflitti huma l-ixpruni ewlenin tal-insigurtà tal-ikel. Min-naħa l-oħra, l-insigurtà tal-ikel tista' twassal ukoll għal instabbiltà, u fl-ordni globali li qed jinbidel, l-ikel qed jintuża bħala arma. Is-sħab kummerċjali tagħna jirrikorru għal azzjonijiet unilaterali li jkollhom fil-mira s-setturi ewlenin tagħna, l-esportazzjonijiet tagħna

<sup>21</sup> *PP 08 25 01 — Osservatorju tal-UE għall-art agrikola, il-kontroll u l-aċċess għar-raba'*; ir-riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Novembru 2024 dwar it-test konġunt dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2025, P10TA(2024)0050.

<sup>22</sup> Il-valur tal-esportazzjonijiet agroalimentari tal-UE fl-2023 ammonta għal €230 biljun (9 % tal-esportazzjonijiet totali) u dak tal-importazzjonijiet tal-UE ammonta għal €160 biljun (6 % tal-importazzjonijiet totali), u ġġenera surplus kummerċjali ta' €70 biljun. Sors: Id-DG Agrikoltura u Żvilupp Rurali, [Monitoring EU agri-food trade. Developments in 2023](#), Marzu 2024.

għadhom qed jiffaċċjaw ostakli u l-ktajjen tal-provvista globali jinsabu f'riskju ta' distorsjonijiet. Ir-rieda tal-UE li jinżammu standards globali għoljin biex tipproteġi l-oġettivi universali tal-protezzjoni ambjentali, tas-saħħa tal-bniedem, tas-saħħa u l-benessri tal-annimali, tas-saħħa tal-pjanti u tas-sikurezza alimentari, spiss titqies bħala ostaklu għall-kummerċ. Fl-istess ħin, il-bdiewa fl-UE kulma jmur qed jitħassbu iktar minħabba l-kompetizzjoni globali inġusta u n-nuqqas ta' reċiproċità.

Iżda dawn l-isfidi mhux se jwaqqfu lill-Unjoni milli tkompli ssaħħaħ ir-rabtiet ma' bosta sħab b'rieda simili, inkluż permezz tal-istrateġija ta' investiment tal-Global Gateway. **Is-sigurtà tal-ikel global u s-sovranià tal-ikel Ewropea se jibqgħu parti integrali mill-aġenda kumplessiva tal-UE dwar is-sigurtà, il-kompetittività u s-sostenibbiltà.** B'livelli għoljin ta' ġuħ, insigurtà tal-ikel akuta u prezzijiet tal-ikel li qed jogħlew madwar id-dinja, l-UE se tkompli tappoġġa lill-pajjiżi terzi fis-sovranià tal-ikel, fir-reżiljenza u fis-sostenibbiltà tagħhom, filwaqt li se tiżgura aċċess għal ikel sikur, ta' kwalità għolja u nutrittiv għal kulħadd, inkluż l-iktar vulnerabbli permezz tal-assistenza umanitarja u r-rispett tad-Dritt Umanitarju Internazzjonali.

### *Niddiversifikaw il-ktajjen tal-provvista u nipromwovu r-reżiljenza trasformattiva*

F'dinja kkaratterizzata minn tensjonijiet ġeopolitiċi u ġeoekonomiċi, fi kliem Draghi “**d-dipendenzi qed isiru vulnerabbiltajiet**”<sup>23</sup>. Illum, is-sovranià tal-ikel tal-UE tiddependi fil-biċċa l-kbira fuq inputs importati, bħal fertilizzanti, għalf u enerġija, u dawn normalment jiġu minn reġjuni ġeografikament ikkonċentrati. **Għalhekk, it-tnaqqis ta' dawn id-dipendenzi strateġiċi u t-tneħħija tar-riskji tal-ktajjen tal-provvista huma kruċjali**, filwaqt li tiġi appoġġata tranżizzjoni lejn ekonomija nadifa u dejjem iktar effiċjenti fl-użu tar-riżorsi b'livell baxx ta' karbonju<sup>24</sup>.

F'termini ta' dipendenzi ewlenin fuq l-importazzjoni, il-**provvista tal-proteini** tal-Unjoni tiddependi ferm fuq importazzjonijiet ta' kwalità għolja minn għadd limitat ta' oriġini, u b'hekk is-sistema tal-ikel tagħna hija vulnerabbli għall-fluttwazzjonijiet tas-suq globali u għar-riskji għas-sostenibbiltà<sup>25</sup>. Jeħtieġ li nikkunsidraw kemm il-mod kif il-proteini jiġu prodotti kif ukoll il-mod kif jiġu kkonsmati fl-UE. Għalhekk, il-Kummissjoni se **tiżviluppa pjan komprensiv** biex tindirizza dawn l-isfidi, tintegra l-isforzi tal-politiki, tar-riċerka u fil-post biex toħloq sistema ta' proteini tal-UE iktar awtosuffiċjenti u sostenibbli, filwaqt li fl-istess ħin tiddiversifika l-importazzjonijiet.

Dipendenza importanti oħra hija fuq il-**materja prima u l-fertilizzanti importati** li huma essenzjali għall-produzzjoni u għas-sigurtà tal-ikel. Kulma jmur kien hemm iktar konċentrazzjoni ta' importazzjonijiet minn ftit oriġini, b'mod partikolari għall-urea, b'madwar 88 % tal-importazzjonijiet tal-UE fornuti minn erba' pajjiżi<sup>26</sup>. It-tnaqqis ta' dawn id-dipendenzi jwassal għal benefiċċji għal kulħadd: (i) għall-**kompetittività industrijali nadifa Ewropea** billi tiġi appoġġata l-produzzjoni domestika tal-fertilizzanti; (ii) għall-**bdiewa** li jkunu jistgħu jiddependu fuq provvista affidabbli u prezzijiet stabbli, u (iii) għall-**ambjent u l-klima** permezz tal-appoġġ għall-użu tal-

<sup>23</sup> Draghi, M. (2024), [The future of European competitiveness. Part A: A competitiveness strategy for Europe](#), Settembru 2024, p. 15.

<sup>24</sup> L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Prospettiva u tal-Istrateġija ta' Spanja, [Resilient EU 2030. A future-oriented approach to reinforce the EU's Open Strategic Autonomy and Global Leadership](#), 2023.

<sup>25</sup> Id-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali, [Protein supply and demand](#), Settembru 2024.

<sup>26</sup> B'importazzjonijiet tal-urea ta' 38 % mill-Eġittu, 33 % mir-Russja u mill-Belarussja, u 19 % mill-Alġerija, Sors: il-Kummissjoni Ewropea, id-DĠ Agrikoltura u Żvilupp Rurali, [https://agriculture.ec.europa.eu/data-and-analysis/markets/overviews/market-observatories/fertilisers\\_en](https://agriculture.ec.europa.eu/data-and-analysis/markets/overviews/market-observatories/fertilisers_en), aċċessat fi Frar 2025.

fertilizzanti b'livell baxx ta' karbonju u tan-nutrijenti rriċiklati, b'hal RENURE u d-diġestat wara trattament xieraq, u l-użu effiċjenti tagħhom.

B'ħarsa 'l quddiem, it-tkabbir futur tal-UE se jgħib miegħu opportunitajiet għar-reżiljenza tal-UE, bl-objettiv li tinżamm u tissaħħaħ il-kapaċità tal-produzzjoni u tal-esportazzjoni kemm fl-Istati Membri attwali kif ukoll f'dawk futuri, u b'hekk jissaħħu l-awtonomija strateġika u l-piż tal-UE fil-kummerċ agroalimentari globali. Iżda hemm ukoll sfidi li jeħtieġu kunsiderazzjoni bir-reqqa, b'mod partikolari rigward l-impatt fuq il-bdiewa tal-UE. It-tnejn għall-isfidi tal-bdiewa tal-UE u l-indirizzar effettiv tagħhom se jkunu essenzjali biex jinħatfu l-opportunitajiet offruti mit-tkabbir, inkluż peress li dan jista' jiffaċilita integrazzjoni gradwali tal-pajjiżi kandidati fis-Suq Uniku, filwaqt li jagħmlu progress lejn sħubija sħiħa fl-UE.

### ***Lejn kompetizzjoni globali iktar ġusta***

L-approċċ tal-Unjoni għal **kundizzjonijiet ekwivalenti globali iktar ġusti** se jikkonsisti f'azzjoni doppja li trid timxi id f'id:

#### **(a) Kooperazzjoni globali u bilaterali**

Fil-kuntest ġeopolitiku attwali, huwa ċar li kulma jmur se jsir **dejjem iktar diffiċli li jinkiseb konsensus globali** dwar l-istandards tal-biedja u tal-ikel.

Madankollu, l-UE se tkompli taħdem fl-approċċ ta' Tim Ewropa mas-sħab tagħha u mal-Organizzazzjonijiet Internazzjonali ewlenin biex issaħħaħ implimentazzjoni iktar stretta tal-impenji miftiehma internazzjonalment u biex iżżid l-ambizzjoni tagħhom li jiksbu sistemi tal-ikel sostenibbli globali skont l-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG, Sustainable Development Goals). Se tingħata prijorità lit-titjib tal-istandards globali fil-korpi internazzjonali li jistabbilixxu l-istandards f'oqsma kritiċi biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta, b'mod partikolari fir-rigward tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-benessri tal-annimali. **Fl-2025, il-Kummissjoni se tippreżenta l-linja ta' azzjoni tagħha dwar l-approfondiment tar-reċiproċità lill-Istati Membri għal iktar elaborazzjoni.** L-Unjoni se taħdem ukoll mal-FAO u mas-sħab internazzjonali tagħha biex tixpruna l-iżvilupp ta' approċċ komuni li jippermetti valutazzjoni komparabbli u ġusta tal-aspetti tas-sostenibbiltà dwar il-produzzjoni tal-ikel globalment, filwaqt li tikkomplementa l-ħidma tal-UE dwar il-parametraġġ referenzjarju tas-sostenibbiltà.

L-UE se tkun iktar assertiva fil-promozzjoni u fid-difiża strateġika tal-**esportazzjonijiet tal-prodotti tal-UE**, filwaqt li tiżgura li l-pajjiżi terzi jibbenefikaw mill-implimentazzjoni ta' miżuri ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ (eż. elenkar minn qabel), diment li japplikaw ukoll miżuri simili għall-UE. Se nsaħħu d-**diplomazija ekonomika agroalimentari** u l-missjonijiet iddedikati ta' livell għoli tagħna.

Fil-**livell bilaterali**, id-djalogi bilaterali eżistenti dwar il-politika agrikola se jissaħħu u se jiġu stabbiliti **djalogi ġodda ta' sħubija dwar il-politika agroalimentari** ma' sħab bilaterali, regionali u kontinentali ewlenin. F'dan il-kuntest, is-sħubijiet strateġiċi u komprensivi mal-viċinat tan-Nofsinhar tagħna u l-Patt il-ġdid li qed jitfassal għall-Mediterran joffru opportunitajiet importanti. L-UE se tuża wkoll bis-sħiħ in-Negożjati u l-Ftehimiet bilaterali dwar il-Kummerċ Ħieles. L-interessi tal-bdiewa Ewropej se jibqgħu jiġu protetti. L-UE se ssaħħaħ l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-kapitoli/tad-dispożizzjonijiet dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, kif ukoll tal-kapitoli dwar is-

Sistemi tal-Ikel Sostenibbli, bi prijoritajiet u azzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi iktar immirati u operazzjonali, inkluż b'rabta ma' setturi speċifiċi ta' attività, kif xieraq. Fid-djalogi ta' sħubija tagħna, se nagħtu attenzjoni speċifika lill-impatt possibbli tal-politiki regolatorji tal-UE fuq is-sistemi agroalimentari lokali u se niżguraw koerenza bejn il-politiki interni u esterni tal-UE relatati mal-agrikoltura, mal-ambjent, mal-klima u mas-saħħa.

## **(b) Il-qafas tal-Unjoni għal settur agroalimentari kompetittiv**

Fl-istess ħin, l-Unjoni se tiżgura domestikament li standards ambizzjużi tal-UE ma jwasslux għal intoppi ekonomiċi, ambjentali u soċjali, u li s-settur agroalimentari Ewropew ma jitpoġġiex fi żvantaġġ kompetittiv mingħajr reċiproċità korrispondenti. Għal dan l-għan, **l-UE se timplimenta b'mod koerenti kontroll tal-SMEs u tal-kompetittività fil-politiki tagħha** kif iddikjarat fil-Boxxla għall-Kompetittività, filwaqt li tivvaluta b'mod konsistenti l-impatt tar-regolamenti tal-Unjoni fuq il-bdiewa u l-SMEs agroalimentari tal-UE, fuq il-kummerċ u fuq ir-riskji li jinħolqu intoppi, u se teżamina bir-reqqa l-implikazzjonijiet tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles li jkunu qed jiġu nneozzjati għall-bdiewa tal-UE u għas-sostenibbiltà globali.

Sabiex jiġi żgurat li jitqies it-tħassib tal-UE dwar il-benessri tal-annimali u l-protezzjoni ambjentali, u sabiex jiġu rispettati l-valuri morali tal-UE b'rispons għad-domanda tas-soċjetà, il-Kummissjoni, skont ir-regoli internazzjonali, se tara li jkun hemm **allinjament iktar b'saħtu tal-istandards tal-produzzjoni applikati għall-prodotti importati, b'mod partikolari rigward il-pestiċidi u l-benessri tal-annimali.**

F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni se tistabilixxi prinċipju **li l-iktar pestiċidi perikolużi pprojbiti fl-UE għal raġunijiet ambjentali u ta' saħħa ma jerġgħux jitħallew jaslu fl-UE permezz ta' prodotti importati.** Sabiex tavvanza fuq dan, fl-2025 il-Kummissjoni se tnedi l-Valutazzjoni tal-Impatt li se tikkunsidra l-impatti fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-UE u l-implikazzjonijiet internazzjonali u, jekk ikun xieraq, se tipproponi emendi fir-rigward tal-qafas legali applikabbli. B'mod simili, il-Kummissjoni se tivvaluta wkoll il-kwistjoni tal-esportazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi, inkluż il-pestiċidi, li huma pprojbiti fl-UE<sup>27</sup>.

Element ieħor mhux neozzjabbli tal-politika tal-Unjoni rigward l-importazzjonijiet huwa **s-sikurezza tal-ikel u tal-għalf kif ukoll is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti.** L-istandards tal-prodotti tal-UE huma l-oġġla fid-dinja u jiżguraw li l-prodotti agroalimentari importati kollha jkunu sikuri. Il-Kummissjoni se tiżgura li l-leġiżlazzjoni rilevanti dwar is-sikurezza alimentari tiġi implimentata u infurzata kif xieraq. **Se tiġi stabbilita task force ddedikata,** li tiġbor flimkien l-għarfien espert u l-forzi tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri, u din se żżid b'mod sinifikanti r-rispons tal-Unjoni biex tkompli **ssaħħaħ il-kontroll fuq l-importazzjonijiet, inkluż tisħiħ qawwi tal-kontrolli fil-post.**

Fil-qasam tal-**benessri tal-annimali,** il-Kummissjoni se tiżgura li l-proposti leġiżlattivi futuri japplikaw l-istess standards għall-prodotti li jiġu prodotti fl-UE u għal dawk li jiġu importati minn pajjiżi terzi, filwaqt li jindirizzaw ukoll kwistjonijiet relatati mal-infurzar u t-tħassib espress miċ-ċittadini tal-UE. Ir-rieżami mmirat tal-**leġiżlazzjoni dwar il-**

<sup>27</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2020), *Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà. Lejn Ambjent Hieles mit-Tossiċità*, COM(2020) 667 final.

**benessri tal-annimali** se jkun opportunità biex dan jiġi applikat, b'mod konformi mad-WTO u abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt.

Meta s-sħab kummerċjali tagħna jirrikorru għal kompetizzjoni inġusta u azzjonijiet unilaterali li jimmiraw b'mod illegali lejn is-settur agroalimentari tagħna jew lejn dak ta' Stati Membri individwali bl-għan li jifirduna bħala Unjoni, l-UE se tuża l-għodod protettivi kollha għad-dispożizzjoni tagħha. L-Unjoni se tiżviluppa (fl-2025) **Xibka ta' Sikurezza fl-Għaqda** ambizzjuża għas-settur agroalimentari tal-UE. F'każijiet ta' koerċizzjoni ekonomika tal-UE jew tal-Istati Membri tagħha minn pajjiżi mhux tal-UE, l-Unjoni se tipproteġi s-settur agroalimentari bil-mezzi kollha disponibbli, inkluż fil-kuntest tad-WTO jew tal-istrumenti awtonomi tal-UE bħall-Istrument Kontra l-Koerċizzjoni, meta jkun xieraq.

Il-Kummissjoni se taħdem ukoll mal-BEI biex tipprovdi **krediti għall-esportazzjoni** li jneħħu r-riskji tal-esportazzjonijiet għas-settur agroalimentari tal-Unjoni.

F'dan il-kuntest, ir-riżerva ta' EUR 1 biljun imħabbra fil-kuntest tal-ftehim bejn l-UE u l-Mercosur fil-QFP li jmiss se jkollha rwol importanti.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se taħdem biex issaħħaħ il-kompetittività u r-reżiljenza ta' setturi sensitivi bħall-bhejjem, tippreżenta **pakkett ta' simplifikazzjoni** li se jikkontribwixxi għall-kompetittività tal-bdiewa Ewropej filwaqt li tippreserva l-kontribuzzjoni għall-oġġettivi tas-soċjetà, tipproponi **estensjoni tat-tikkettar tal-pajjiż tal-orġini skont l-ispeċifiċitajiet settorjali u r-regoli dwar is-Suq Uniku** u tintensifika l-politika ta' **promozzjoni** tagħha.

### ***Preparatezza u reżistenza għar-riskji tas-settur agroalimentari***

**“Irridu nkunu mħejjija aħjar, mhux biss biex nibqgħu ħajjin, iżda wkoll biex nirnexxu f'din ir-realtà l-għdida”**, jiddikjara r-rapport ta' Niinistö<sup>28</sup>. Din ir-realtà l-għdida kienet ikkaratterizzata minn xokkijiet sinifikanti, mill-pandemija, il-gwerra ta' aggressjoni Russa u d-disturbi fis-suq, il-mard tal-annimali/pjanti u sitwazzjoni ġeopolitika volatili. Barra minn hekk, l-avvenimenti tat-temp estrem, li fl-imgħoddi kienu relattivament rari, qed isiru iktar frekwenti filwaqt li x-xejriet tal-preċipitazzjoni qed jinbidlu.

Il-bdiewa huma l-ewwel li qed ibatu minħabba ħafna minn dawn il-kriżijiet. L-għadd dejjem jikber ta' riskji, theddidiet u inċertezzi jitlob **approċċ Ewropew ambizzjuż għall-ġestjoni tar-riskji u tal-kriżijiet** li jirrieżamina u jsaħħaħ is-sett ta' **għodod biex jiġu ġestiti aħjar ir-riskji u l-kriżijiet** fil-livell tal-UE.

L-ewwel nett, l-inċentivi għall-bdiewa se jissaħħu biex jitnaqqsu l-vulnerabbiltà u l-esponiment tagħhom għar-riskji permezz ta' adattament fil-livell tal-azjendi agrikoli kif ukoll inċentivi għall-bdiewa biex jaqsmu r-riskji (eż. permezz ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi jew kooperattivi). Agrikoltura tal-UE reżiljenti għall-klima trid tiddependi fuq **politiki mfassla apposta għall-ħtiġijiet lokali, reġjonali u nazzjonali**, li jappoġġaw prattiki agrikoli u interventi li jagħmlu l-produzzjonijiet agrikoli lokali adatti għall-kundizzjonijiet klimatiċi futuri.

---

<sup>28</sup> Niinistö, S., *Safer together – Strengthening Europe's Civilian and Military Preparedness and Readiness*, 2024, p. 4.

Filwaqt li wieħed ikompli jibni fuq l-esperjenza tal-inizjattivi mwettqa f'dawn l-aħħar snin<sup>29</sup>, huma meħtieġa passi addizzjonali. Il-**Pjan Ewropew dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima** li qed jitħejja, u l-**Istrateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma** li qed titfassal, se jkollhom rwol importanti, b'mod partikolari biex jappoġġaw lill-Istati Membri fil-preparatezza, fl-ippjanar u fl-indirizzar tar-riskji u tal-impatti tat-tibdil fil-klima fuq l-enerġija, it-trasport u infrastruttura oħra, l-ilma, l-ikel u l-art fil-bliet u fiż-żoni rurali.

Il-PAK futura se tappoġġa, b'mod iktar immirat, miżuri u investimenti li jagħmlu s-settur agrikolu iktar reżiljenti għall-kundizzjonijiet li qed jinbidlu. Se jkun meħtieġa bidliet trasformattivi iktar ambizzjużi f'postijiet fejn il-produzzjonijiet attwali mhumiex sostenibbli fit-tul, pereżempju permezz ta' strateġiji lokali ġodda, ir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż tekniki ġenomiċi ġodda biex jiġu prodotti għelejjel iktar reżiljenti għall-klima.

Hija meħtieġa wkoll azzjoni ambizzjuża dwar il-preparatezza għar-riskji, l-assigurazzjoni u t-tneħħija tar-riskji. F'dak id-dominju, il-kooperazzjoni mal-**Bank Ewropew tal-Investment (BEI)**, mal-banek, mal-kumpaniji tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u mal-atturi tal-katina tal-valur se tkun kruċjali. Dan għandu jwassal għal akkomunament aħjar tar-riskji u titjib fid-disponibbiltà u fl-affordabbiltà tal-assigurazzjonijiet agrikoli għall-bdiewa.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jridu jiżguraw **koerenza politika bejn l-għodod għall-ġestjoni tar-riskji u tal-kriżijiet** kif ukoll flessibbiltajiet ikbar. L-għodod għall-ġestjoni tal-kriżijiet għandhom iħeġġu lill-bdiewa biex jiġġestixxu r-riskji b'mod proattiv u lill-Istati Membri biex jaħdmu favur strateġiji effiċjenti u adattati għall-ġestjoni tar-riskji.

Barra minn hekk, il-**funzjonament tar-riżerva għall-agrikoltura** għandu jiġi vvalutat bir-reqqa bl-għan li tiġi ffukata mill-ġdid fuq kriżijiet speċifiċi ta' kobor sinifikanti, bħad-disturbi kbar fis-suq u l-kwistjonijiet tas-saħħa tal-annimali/pjanti. L-għoti ta' appoġġ eċċezzjonali lill-bdiewa għandu jkun marbut aħjar ukoll ma' miżuri xierqa ta' ġestjoni tar-riskji u ta' prevenzjoni.

Bħala segwitu għar-rapport ta' Niinistö, l-UE għandha żżid il-livell ta' preparatezza tagħha dwar is-sigurtà tal-ikel tul il-katina alimentari kollha. L-attivitajiet tal-**Mekkaniżmu Ewropew għall-Kriżijiet tas-Sigurtà tal-Ikel (EFSCM)** għandhom ikomplu, għandhom jiġu żviluppati iktar u għandhom jiġu marbuta mal-ġestjoni kumplessiva tal-kriżijiet tal-UE fi ħdan approċċ ta' gvern sħiħ. B'konsistenza mal-**Istrateġija għall-Unjoni tal-Preparatezza** li qed titfassal, għandhom jiġu mfittxija sinerġiji u iktar koordinazzjoni għall-preparatezza. Barra minn hekk, jistgħu jiġu esplorati għodod speċifiċi ġodda għall-agrikoltura u għall-ikel relatati mar-riżervi tal-ikel, mal-akkwist konġunt, u ma' iktar trasparenza fi żminijiet ta' kriżi. Bħal fil-każ ta' setturi essenzjali oħra bħas-saħħa, għandhom jiġu żviluppati pjanijiet olistiċi ta' preparatezza u ta' rispons fil-livell nazzjonali u reġjonali li jkopru l-aspetti kollha rilevanti għall-katina kollha tal-provvista tal-ikel fi ħdan approċċ usa' tal-UE għall-preparatezza.

### ***Nappoġġaw ir-reżiljenza tas-swieq agrikoli***

L-avvenimenti ġeopolitiċi li jirriżultaw f'distorsjonijiet kummerċjali, il-kompetizzjoni globali, l-impatti ta' avvenimenti klimatiċi estremi u x-xejriet tal-konsum li qed jinbidlu

---

<sup>29</sup> L-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, il-Komunikazzjoni dwar il-Ġestjoni tar-Riskji Klimatiċi u l-PAK.

huma sors ta' inċertezza għal ħafna swieq tal-komoditajiet, mill-inbid, iċ-ċereali, il-prodotti tal-annimali saż-żejt taż-żebuga. Il-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib is-swieq kollha u taġixxi malajr meta s-sitwazzjoni tas-suq tiddeterjora.

Is-sitwazzjoni speċifika tas-settur tal-inbid kienet teħtieġ rispons bħal dan, u l-Kummissjoni se tavvanza lejn l-implimentazzjoni fl-2025 tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Inbid<sup>30</sup>.

Is-settur tal-bhejjem tal-UE huwa partikolarment vulnerabbli għal xokkijiet differenti u għall-kompetizzjoni globali. L-istandards għoljin tal-UE jirrikjedu li dawk li jrabbu l-bhejjem fl-UE jkunu minn ta' quddiem nett fid-dinja, iżda l-isforzi tagħhom mhumiex reċiprokati globalment fejn jikkompetu b'kundizzjonijiet mhux ekwivalenti. Standards bħal dawn għandhom kost meħmuż magħhom li s-suq mhux dejjem jippremya. **Is-settur tal-bhejjem huwa u se jibqa' parti essenzjali mill-agrikoltura, mill-kompetittività u mill-koeżjoni tal-UE.** Settur tal-bhejjem sostenibbli huwa kruċjali għall-ekonomija tal-UE, għall-vijabbiltà taż-żoni rurali u għall-preservazzjoni tal-ambjent u tal-pajsaġġi rurali. Huwa settur li fih l-innovazzjoni tista' tirnexxi u tista' ġġib benefiċċji tanġibbli.

**Is-settur tal-bhejjem tal-UE jeħtieġ viżjoni fit-tul** li tirrispetta d-diversità u s-sostenibbiltà tal-produzzjoni tal-bhejjem madwar l-Ewropa. Il-protezzjoni ta' din id-diversità tisser li ma jistax ikun hemm approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd" iżda pjuttost soluzzjonijiet territorjali mmirati għall-kompetittività u għas-sostenibbiltà tas-settur. Tista' tingħata spinta qawwija billi jiffasslu kundizzjonijiet favorevoli għall-iżvilupp ta' "katina tal-produzzjoni tal-bhejjem ta' eċċellenza". Il-Kummissjoni se tnedi **fluss ta' ħidma dwar is-settur tal-bhejjem** biex tiżviluppa perkorsi ta' politika li: a) jipprovdur dijanjożi tal-isfidi tas-settur, inkluż il-kompetizzjoni globali; b) jipproponu għodod xierqa biex jakkumpanjaw is-settur u, meta jkun ġustifikat, miżuri ta' reċiproċità; c) ifittxu modi biex jindirizzaw l-impronta klimatika/ambjentali tiegħu, inkluż modi kif tiġi vvalorizzata r-rabta bejn il-produzzjoni tal-bhejjem u ż-żamma ta' bwar tal-ħaxix ta' valur ambjentali u klimatiku permezz ta' sistemi tal-bhejjem iktar estensivi li jkunu ta' benefiċċju għall-preservazzjoni tal-bijodiversità u tal-pajsaġġi; d) irawmu l-investimenti, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni; u e) itejbu l-iżvilupp ta' mudelli tal-produzzjoni sostenibbli.

### ***Innaqqsu l-burokrazija biex jitrawwem settur agroalimentari kompetittiv***

**Il-bdiewa għandhom ikunu intraprendituri u fornituri, u mhux iġorru piżijiet burokratiċi jew regolatorji bla bżonn.** Kif iddikjara r-rapport ta' Draghi, ir-reqwiziti u l-obbligi ta' rapportar eċċessivi jimpedixxu l-kompetittività tal-ekonomija tal-UE u l-innovazzjoni.

Il-Kummissjoni se twettaq sforz ta' simplifikazzjoni<sup>31</sup> bla preċedent, inkluż fl-agrikoltura. Ma hemm l-ebda lok biex l-Unjoni tfassal f'tali dettall il-prattiki fl-azjendi agrikoli li jridu jiġu rrispettati. Bosta talbiet għal derogi minn dawn l-obbligi, spiss ġustifikati abbażi ta' speċifiċitajiet nazzjonali u reġjonali, urew li approċċ wieħed tajjeb għal kulħadd mhuwiex l-iktar għodda xierqa għal settur daqstant diversifikat.

<sup>30</sup> Il-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Politika tal-Inbid, [Policy Recommendations for the Future of the EU Wine Sector](#), Dicembru 2024.

<sup>31</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2025), *Boxxla għall-Kompetittività tal-UE*, COM(2025) 30 final.

Barra minn hekk, irid ikun hemm qsim aħjar tal-piżijiet fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-regolamenti u tar-rekwiżiti bejn il-bdiewa u l-Istati Membri, flimkien ma' test tal-istress u kontroll tar-realtà tal-leġiżlazzjoni eżistenti u tal-leġiżlazzjoni ġdida. Bl-istess mod, ir-regolamentazzjoni żejda għandha tiġi evitata u valutazzjoni kumulattiva tal-impatti hija essenzjali.

Il-prospetti pożittivi għas-simplifikazzjoni jirriżultaw minn teknoloġiji ġodda. Pereżempju, is-satelliti ta' osservazzjoni tad-dinja jgħinu biex inaqqsu l-kontrolli fil-post u biex inaqqsu l-obbligi ta' rapportar billi jipprovdu data f'ħin reali u azzjonabbli fil-livell tal-azjendi agrikoli. L-integrazzjoni tat-teknoloġija satellitari twassal għal użu aħjar tar-riżorsi, tnaqqis tal-kostijiet tal-inputs, u sostenibbiltà mtejjba. Għalhekk, il-kontinwità u l-evoluzzjoni tal-assi spazjali tal-UE, jiġifieri Copernicus u Galileo, se jkomplu jrawmu s-simplifikazzjoni u l-kompetittività. Barra minn hekk, it-teknoloġiji tal-qsim tad-data jistgħu jnaqqsu l-burokrazija billi jipprevedu opportunitajiet ta' rapportar iktar simplifikati u awtomatizzati.

Fit-tieni trimestru tal-2025, il-Kummissjoni se tipproponi **Pakkett ta' simplifikazzjoni** komprensiv **tal-qafas leġiżlattiv agrikolu attwali** li se jwassal għal: (i) Simplifikazzjoni fl-azjenda agrikola u razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti li jirrikonoxxu aħjar diversi sitwazzjonijiet u prattiki tal-biedja (bħall-biedja organika); (ii) Razzjonalizzazzjoni tal-appoġġ għall-azjendi agrikoli żgħar u medji permezz ta' użu ikbar ta' pagamenti ssimplifikati; (iii) Spinta lill-kompetittività permezz ta' ppjanar imtejjeb u ssimplifikat u aċċess għall-istrumenti finanzjarji disponibbli fil-QFP attwali; (iv) Għoti ta' flessibbiltà ikbar lill-Istati Membri għall-ġestjoni tal-pjanijiet strateġiċi.

Barra minn hekk, fl-2025 il-Kummissjoni se taħdem fuq it-tfassil ta' **pakkett ta' miżuri ta' simplifikazzjoni leġiżlattiva trażversali** li jwassal għal simplifikazzjoni sinifikanti f'oqsma ta' politika oħra minbarra l-PAK li jaffettwaw lill-bdiewa, lin-negozji tal-ikel u tal-ġhalf u lill-amministrazzjonijiet relatati. Dan il-pakkett se jiffoka fuq elementi li se jgħinu lill-bdiewa u lin-negozji tal-ikel u tal-ġhalf ikunu iktar kompetittivi u reżiljenti, anke fid-dawl tax-xokkijiet ġeopolitiċi u l-kompetizzjoni globali.

### **3.3. Settur agroalimentari li jibqa' validu fil-futur u li jaħdem id f'id man-natura**

Bħal ebda settur ieħor, il-produzzjoni tal-ikel hija bbażata fuq in-natura u l-ekosistemi, u hija marbuta magħhom b'mod inseparabbli. Il-kapaċità tal-bdiewa li jipproduċu l-ikel fit-tul u li jkunu reżiljenti tiddependi fuq ekosistemi reżiljenti, iż-żamma tal-ħamrija, il-ġlieda kontra l-pesti u l-mard, id-dakkir tal-għelejjel, il-kwalità u d-disponibbiltà tal-ilma, l-arja nadifa u l-kundizzjonijiet klimatiċi. L-UE għandha l-oġettiv li tkun newtrali għall-klima sal-2050, li tiġġieled kontra d-degradazzjoni ambjentali u li tagħmel tajjeb għaliha. Is-settur agroalimentari għandu kontribut importanti x'jaġhti biex dan l-oġettiv jintlaħaq u jibbenefika minnu.

Fl-istess ħin, it-tranżizzjoni ekoloġika trid tintegra bir-reqqa l-isfidi ekonomiċi u ta' implimentazzjoni, kif ukoll il-ħtieġa għal tranżizzjoni ġusta f'termini soċjali. Trid tirrikonoxxi wkoll l-ispeċifitajiet tal-biedja: minn naħa, l-agrikoltura dejjem se jkollha xi impatt fuq ir-riżorsi naturali, b'limitazzjonijiet f'termini ta' mitigazzjoni meta mqabbla ma' setturi oħra tal-ekonomija. B'mod simili, is-sitwazzjonijiet bejn ir-reġjuni u t-territorji jvarjaw ħafna. Dan naturalment jitlob soluzzjonijiet imfassla sew u mmirati, inkluż soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura.

## *Fejn id-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività jimxu id f'id*

L-attivitajiet agrikoli jistgħu jneħħu l-karbonju mill-atmosfera għal għol-ħamrija u l-bijomassa; fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dawn l-attivitajiet iwasslu wkoll biex il-produzzjoni tal-ikel tkun iktar reżiljenti għall-ħsara relatata mal-klima, u għaldaqstant jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-ikel. Peress li jeħtieġ li s-setturi kollha jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, l-azzjoni klimatika fis-settur agroalimentari hija essenzjali biex jintlaħaq l-għan usa' ta' **UE newtrali għall-klima u reżiljenti sal-2050**.

Il-Kummissjoni tistenna li l-agrikoltura tikseb it-tnaqqis fl-emissjonijiet b'allinjament mal-mira klimatika tal-UE għall-2030. Filwaqt li tibni fuq dan, il-Kummissjoni se tikkunsidra perkorsi għall-kontribut tas-settur agrikolu għall-mira klimatika tal-UE għall-2040, filwaqt li tqis **l-ispeċifitàjiet tas-settur u tiffoka fuq il-kompetittività tiegħu, il-ħtieġa li tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel u li tissaħħa il-bijoekonomija, u fi djalogu mas-settur u mal-Istati Membri**. Dan l-approċċ se jiġi rifless fir-rieżami tal-leġiżlazzjoni rilevanti li tirregola l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-assorbimenti tagħhom mis-setturi tal-agrikoltura u tal-Użu tal-Art, tat-Tibdil fl-Użu tal-Art u tal-Forestrija.

**B'politiki effettivi li jippremjaw prattiki tajbin u approċċi mfassla apposta għal ħtiġijiet speċifiċi**, hemm lok għal iktar tnaqqis imħaffef tal-emissjonijiet mill-agrikoltura filwaqt li jissaħħu l-assorbimenti tal-karbonju fis-settur tal-art, fil-ħamrija u fil-foresti. Għall-emissjonijiet prevalenti mill-bhejjem, ir-rakkomandazzjonijiet mill-fluss ta' ħidma tal-bhejjem se jservu bħala l-bażi għall-iżvilupp ulterjuri ta' sett ta' miżuri mfassla apposta biex jappoġġaw lis-settur u lir-reġjuni fl-isforzi tagħhom biex inaqqsu l-emissjonijiet. L-avvanzi teknoloġiċi, inkluż fl-istrateġiji tal-għalf, se jikkontribwixxu wkoll. B'rabta ma' dan, il-PAK futura se tivvaluta kif l-aħjar tappoġġa lill-bdiewa fit-tnaqqis ulterjuri tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-attivitajiet tagħhom tal-biedja u tat-trobbija tal-bhejjem.

L-industrija tal-ikel u tax-xorb, kif ukoll is-settur tal-bejgħ bl-imnut, għandhom ukoll rwol kruċjali fil-kontribut għall-mira klimatika għall-2040 u għall-protezzjoni tal-ambjent. Għandhom jiġu stabbiliti politiki u inċentivi ċari biex jitwettagħ il-potenzjal tal-innovazzjoni fis-sistema alimentari u fil-bijoekonomija inġenerali kif ukoll biex għand iċ-ċittadini tal-UE jasal ikel tajjeb għas-saħħa, tajjeb għal buthom u sostenibbli.

### *Ninċentivaw is-sostenibbiltà*

Kulma jmur is-sostenibbiltà ambjentali hija liċenzja għall-produzzjoni għall-bdiewa. L-opportunitajiet mill-protezzjoni tan-natura u tal-klima jistgħu jipprovdu **aġenda pożittiva** għall-agrikoltura Ewropea. Il-ħidma man-natura tipprovdi reżiljenza għall-biedja għall-ġenerazzjonijiet futuri, u ttieħdu passi inkrementali biex jittieħed il-finanzjament mis-settur privat, li għandu jiġi esplorat iktar bħala sors komplementari ta' introjtu, minbarra l-appoġġ pubbliku. Fir-rigward tal-assorbimenti tal-karbonju, il-kultivazzjoni karbonika u l-ħżin tal-karbonju, dawn l-approċċi se jsiru iktar armonizzati fl-UE bis-saħħa tal-qafas taċ-ċertifikazzjoni tal-Assorbiment tal-Karbonju u tal-Kultivazzjoni Karbonika (CRCF). Il-metodoloġiji armonizzati li ġejjin tas-CRCF u r-regoli ta' verifika se jwasslu għal iktar ċarezza f'dak ir-rigward.

Madankollu, f'dawn l-aħħar snin l-azzjendi agrikoli Ewropej esperjenzaw **multiplikazzjoni sostanzjali tal-istandards tas-sostenibbiltà, taċ-ċertifikazzjonijiet u tar-rekwiżiti tar-rapportar**, stabbiliti minn diversi atturi, organizzazzjonijiet u

istituzzjonijiet, kemm pubbliċi kif ukoll privati. Dawn il-metodoloġiji u r-rekwiżiti tar-rapportar differenti jolqtu firxa wiesgħa ta' aspetti relatati mas-sostenibbiltà u qed jirriżultaw f'xenarju frammentat, ikkaratterizzat minn inkonsistenzi bejn l-istandards, l-inkomparabbiltà tal-inizjattivi, u sinjali qarrieqa fir-rigward tad-direzzjoni li trid tittieħed. Dan joħloq kostijiet għoljin tat-tranżazzjonijiet u konfużjoni għall-bdiewa u jgħib miegħu r-riskju ta' prattiki ta' "greenwashing".

Sabiex tindirizza din il-problema, minbarra li tissimplifika u tirrazzjonalizza r-rekwiżiti tal-UE, il-Kummissjoni se tiżviluppa wkoll u gradwalment se tintroduċi **sistema volontarja ta' parametraġġ referenzjarju għall-valutazzjonijiet tas-sostenibbiltà fl-azjendi agrikoli**, u b'hekk se tippermetti li s-simplifikazzjoni u l-parametraġġ referenzjarju jimxu id f'id. Approċċi simili ta' parametraġġ referenzjarju jistgħu jiġu żviluppati flimkien mas-settur agroalimentari kollu u jiġu estiżi għalih, inkluż l-appoġġ għall-għażliet tal-konsumaturi.

***Eżempju ta' parametraġġ referenzjarju: Boxxla għas-Sostenibbiltà fl-Azjendi Agrikoli***

Il-boxxla għas-sostenibbiltà għandha **tagħxi bħala punt uniku ta' servizz li jissimplifika r-rapportar u jnaqqas il-piżijiet amministrattivi** għall-bdiewa, u jippermettilhom jimmonitorjaw u jirreġistraw id-data dwar is-sostenibbiltà darba biss. Se tappoġġa wkoll lill-bdiewa biex gradwalment jadottaw prattiki iktar sostenibbli u jattiraw sorsi ġodda ta' finanzjament. Se tippermettilhom ikejlu u **jagħmlu parametraġġ referenzjarju aħjar tal-prestazzjoni tagħhom mil-lat tas-sostenibbiltà u juru l-forniment tagħhom ta' servizzi tal-ekosistema** permezz ta' qsim iktar faċli tad-data. Barra minn hekk, il-kejl u r-rapportar imtejba jistgħu jgħinu biex il-politiki pubbliċi jitfasslu **b'mod proporzjonat**. Din is-sistema volontarja għall-valutazzjonijiet tas-sostenibbiltà fl-azjendi agrikoli se tiġi żviluppata abbażi ta' **approċċ axxendenti, parteċipattiv u "xprunat mill-klijenti"**.

***Il-biedja u n-natura***

Biex jiġi żgurat li l-agrikoltura u n-natura jimxu id f'id, huma meħtieġa **implimentazzjoni, razzjonalizzazzjoni u infurzar aħjar tal-leġiżlazzjoni eżistenti** kif ukoll l-użu ta' inċentivi u għodod ġodda bbażati fuq is-suq biex tiġi promossa l-bidla.

Barra minn hekk, il-bdiewa jeħtieġu sett ta' għodod iktar avvanzat biex ikunu jistgħu jaħdmu b'mod li ma jagħmilx ħsara lin-natura u jilhqqu l-oġġettivi stabbiliti. Dan is-sett ta' għodod jeħtieġ taħlita kkalibrata sew ta' appoġġ pubbliku mmirat aħjar mill-PAK futura, investimenti f'soluzzjonijiet favur in-natura, iktar inċentivi ekonomiċi, konsulenza mfassla apposta abbażi tal-avvanzi fir-riċerka u fl-innovazzjoni, u ambjent regolatorju iktar aġli.

Eżempju wieħed ta' dan huwa l-ambizzjoni tal-UE li tnaqqas l-użu tal-pestiċidi li jagħmlu l-ħsara. Dan huwa importanti kemm għar-reżiljenza fit-tul tal-biedja, kif ukoll għall-protezzjoni tan-natura u tas-saħħa. Madankollu, l-introduzzjoni ta' alternattivi f'forma ta' prodotti bijoloġiċi jew innovattivi għall-protezzjoni tal-pjanti b'riskju baxx ma mexietx bl-istess pass bħall-irtirar tas-sustanzi attivi mis-suq tal-UE. Jekk din ix-xejra tkompli, tista' taffettwa l-kapaċità tal-UE li tiżgura l-produzzjoni tal-ikel. Għalhekk, il-Kummissjoni se tikkunsidra bir-reqqa kwalunkwe projbizzjoni ulterjuri tal-pestiċidi jekk għad ma hemmx alternattivi disponibbli, sakemm il-pestiċida inkwistjoni ma jirrappreżentax theddida għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent li l-agrikoltura tiddependi fuqu għall-vijabbiltà tagħha.

Bl-istess mod, **bħala parti mill-pakkett ta' simplifikazzjoni fir-raba' trimestru tal-2025, il-Kummissjoni se tressaq proposta li taċċellera l-aċċess għall-bijopestiċidi** għas-suq tal-UE. Se tipprovdi definizzjoni ta' sustanzi attivi ta' bijokontroll, se tintroduċi l-possibiltà li l-Istati Membri jagħtu awtorizzazzjonijiet proviżorji għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom tali sustanzi attivi ta' bijokontroll filwaqt li l-evalwazzjoni tagħhom tkun għadha għaddejja u se toħloq proċedura rapida għall-approvazzjoni u għall-awtorizzazzjoni tagħhom.

Barra minn hekk, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA, European Food Safety Authority) se jkollha tissaħħaħ b'riżorsi addizzjonali biex tħaffef il-proċeduri ta' valutazzjoni tar-riskji sabiex tkun tista' tkompli taqdi rwol ċentrali fl-għoti ta' konsulenza xjentifika f'waqtha, trasparenti u indipendenti. Dan se jiffaċilita l-aċċess għas-suq tal-UE ta' prodotti innovattivi għall-protezzjoni tal-pjanti filwaqt li se jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-konsumaturi u tal-ambjent.

**Il-ħamrija f'saħħitha** hija l-bażi għall-biedja, illum u għada. Fl-istess ħin, il-ħamrija Ewropea tinsab taħt pressjoni minn fatturi li jinkludu t-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, it-tniġġis u f'xi każijiet il-ġestjoni mhux sostenibbli tal-ħamrija. Biex tindirizza dan, il-Kummissjoni se tinċentiva u se tappoġġa Prattiki tal-biedja li jirkupraw jew itejbu s-saħħa tal-ħamrija jew li jieħdu ħsieb li din tinżamm. L-appoġġ kontinwu għall-biedja organika jibqa' essenzjali, filwaqt li approċċi integrati oħra jistgħu jiġu mħeġġa iktar. F'dan ir-rigward, l-istabbiliment ta' **servizzi ta' konsulenza affidabbli** u indipendenti se jkun kritiku biex jiġi żgurat li l-bdiewa jkunu jistgħu jużaw l-aqwa għarfien għall-benefiċċju tal-ħamrija u tal-biedja.

L-agrikoltura **tiddependi ferm fuq l-ilma**, u teħtieġ provvista stabbli u sikura biex jiġu żgurati s-saħħa u l-benessri tal-għelejjel, tal-bhejjem, u tal-forom kollha tal-ħajja. Madankollu, l-ilma huwa vulnerabbli għal għadd ta' sfidi, inkluż l-estrazzjoni u t-tniġġis relatati mal-agrikoltura. L-UE qed tiġi affettwata dejjem iktar mill-istress idriku peress li **l-iskarsezza tal-ilma** hija aggravata iktar mit-tibdil fil-klima. L-avvenimenti avversi tat-temp minħabba t-tibdil fil-klima huma riskju ewlieni għall-produzzjoni tal-għelejjel, speċjalment fin-Nofsinhar tal-Ewropa<sup>32</sup>. Il-Kummissjoni dalwaqt se tippreżenta **Strateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma** li se tiddekrivi r-rispons tal-Kummissjoni għall-ħtieġa urġenti ta' użi iktar effiċjenti tal-ilma, għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-ilma u għall-indirizzar tal-isfidi marbuta mal-estrazzjoni eċċessiva tar-riżorsi tal-ilma.

Jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali għat-titjib tal-**ġestjoni tan-nutrijenti fil-livell tal-azjendi agrikoli** u għaż-żieda fiċ-ċirkolarità tan-nutrijenti. Għandha tingħata prijorità lill-indirizzar tal-hotspots tat-tniġġis min-nutrijenti u lill-promozzjoni ta' approċċi territorjali integrati. Aspett ewlieni ta' dan ikun il-ġestjoni u l-kontroll tan-nutrijenti mit-trobbija tal-bhejjem biex jiġu limitati l-esternalitajiet negattivi, tiġi appoġġata l-estensifikazzjoni f'reġjuni b'konċentrazzjonijiet għoljin ta' bhejjem, u tiġi promossa ċ-ċirkolarità li tista' tgħin biex jitnaqqas l-użu ta' fertilizzanti sintetiċi. **L-evalwazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati mistennija fi tmiem l-2025** se tipprovdi iktar evidenza biex tinforma d-diskussjoni.

---

<sup>32</sup> L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, *Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa*, 2024.

### 3.4. Nagħtu valur lill-ikel u nrawmu kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol ġusti f'żoni rurali vibranti

L-ikel jgħaqqad lin-nies fit-territorji u fir-reġjuni kollha. Jgħaqqad il-bdiewa mal-konsumaturi u jgħaqqad iċ-ċentri urbani mal-abitanti rurali. Il-bdiewa, is-sajjieda u l-produzzjoni tal-ikel jżommu lill-komunitajiet rurali u kostali b'saħħithom u jiffurmaw il-bażi ta' attività ekonomika ulterjuri. Iż-żoni rurali dinamiċi jrawmu produzzjoni tal-ikel ta' kwalità li mbagħad tappoġġa l-ekonomija tagħhom. It-tisħiħ mill-ġdid ta' dawn ir-rabtiet bejn l-ikel u t-territorju u r-rivitalizzazzjoni taż-żoni rurali se jkunu essenzjali għall-futur tal-biedja fl-Ewropa.

#### ***Kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol ġusti fiż-żoni rurali u kostali Ewropej***

L-isfidi demografiċi, it-tixjiħ u x-xejriet ta' depopolazzjoni b'mod partikolari, flimkien ma' **tiġdid ġenerazzjonali batut**, qed iwasslu għal tnaqqis fil-popolazzjoni fl-età tax-xogħol fil-biċċa l-kbira taż-żoni rurali u f'ħafna żoni kostali madwar l-Unjoni.

Bħala riżultat tat-tensjonijiet ġeopolitiċi, ir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant tal-UE l-iktar affettwati mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna huma żoni rurali ta' vulnerabbiltà u ta' tħassib partikolari u jeħtieġu appoġġ partikolari. Id-deklin soċjoekonomiku u ż-żieda fid-depopolazzjoni se jkollhom implikazzjonijiet addizzjonali għas-sigurtà hawnhekk, filwaqt li dawn iż-żoni fil-biċċa l-kbira rurali huma ta' importanza strateġika għas-sigurtà tal-UE.

Minbarra l-aċċess għall-art u għall-kapital, id-disponibbiltà ta' edukazzjoni, ta' impjiegi ta' kwalità u ta' opportunitajiet ta' karriera aħjar, mobbiltà aħjar, is-servizzi bażiċi tas-saħħa, u l-konnettività huma kollha prekondizzjonijiet għall-vitalità taż-żoni rurali u biex tiġi attirata forza tax-xogħol ġdida fis-settur tal-ikel. Il-produzzjoni tal-ikel u tal-ġhalf fl-UE tiddependi wkoll fuq il-ħaddiema tal-azjendi agrikoli, li spiss jiġu minn Stati Membri oħra tal-UE jew minn pajjiżi terzi u wisq ta' sikwit jaħdmu f'kundizzjonijiet prekarji. Iktar minn qatt qabel, jeħtieġ li dan jiġi indirizzat u kkunsidrat b'mod proattiv fil-politiki pubbliċi. B'rabta ma' dan u skont il-liġi u t-tradizzjonijiet nazzjonali, id-djalogu soċjali u n-negożjar kollettiv jaqdu rwol importanti.

Il-biedja hija professjoni ta' sodisfazzjon iżda hija eżiġenti wkoll, spiss ikkaratterizzata minn nuqqas ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, u minn iżolament u solitudni frekwenti, li ħafna drabi jaffettwaw **is-saħħa mentali**. Ir-rati ta' suwiċidju fost il-bdiewa huma 20 % oġhla mill-medja nazzjonali f'ċerti Stati Membri<sup>33</sup>. Is-Servizzi ta' Konsulenza għall-Azjendi Agrikoli fil-qafas tal-PAK jistgħu jkunu strumentali fis-sensibilizzazzjoni dwar is-saħħa mentali u l-aċċidenti fil-post tax-xogħol permezz ta' konsulenza speċifika lill-bdiewa. Pereżempju, it-Teagasc Irlandiża ilha tappoġġa b'mod attiv is-saħħa mentali tal-bdiewa u tqajjem sensibilizzazzjoni permezz tad-diversi attivitajiet tagħha<sup>34</sup>.

Flimkien mal-PAK, għadd ta' politiki oħra, inkluż il-Politika ta' Koeżjoni, għandhom impatt sinifikanti fuq iż-żoni rurali u jikkontribwixxu għall-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali fl-Ewropa. Il-kontribut tal-Politika ta' Koeżjoni għad-diversifikazzjoni ekonomika u għall-forniment ta' infrastruttura u ta' servizzi assoċjati jista' jkollu rwol ikbar biex jgħin liż-żoni rurali jibqgħu postijiet attraenti fejn jgħixu l-bdiewa, il-familji

<sup>33</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2023), *Komunikazzjoni dwar approċċ komprensiv għas-saħħa mentali*, COM(2023) 298 final.

<sup>34</sup> Teagasc & Mental Health Ireland, [Sowing Seeds of Support: Positive Mental Health Guidance for the Farming Community](#), 2024.

tagħhom u abitanti rurali oħra, kif ukoll biex jistimola t-turiżmu. B'mod partikolari, l-agrituriżmu jista' jipprovdi lill-bdiewa b'introjtu komplementari.

**Iridu jissaħħu iktar is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet biex jiġu żgurati appoġġ effettiv u impatt tanġibbli fiż-żoni rurali.** Koordinazzjoni iktar mill-qrib tal-istrumenti ta' finanzjament mal-politiki settorjali tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp taż-żoni rurali permezz ta' sforzi integrati ta' ppjanar u ta' implimentazzjoni.

Fl-2025, il-Kummissjoni se tnedi **Pjan ta' Azzjoni Rurali tal-UE aġġornat** li se jiġi kkonsolidat bi proġetti, b'inizjattivi u b'azzjonijiet minn bosta politiki tal-UE bħala tweġiba għall-prijoritajiet ta' politika Ewropej il-ġodda wara l-2027. Il-**prinċipju tal-verifika rurali**, inkluż il-valutazzjonijiet tal-impatt territorjali, se jkompli jitħaddem u se jkollu biżżejjed riżorsi fil-livell tal-UE. Barra minn hekk, il-**Patt Rurali**<sup>35</sup>, imniedi fl-2021 biex jipprovdi qafas għall-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, se jissaħħa iktar bħala l-istrument għad-djalogu u għall-involviment tas-soċjetà ċivili u tal-komunitajiet rurali – kemm fl-appoġġ għall-implimentazzjoni kif ukoll għad-diskussjonijiet ta' politika. Il-Kummissjoni se tiegħu wkoll azzjoni ulterjuri biex **tindirizza t-tixrid immirat tad-diżinformazzjoni** fiż-żoni rurali.

Barra minn hekk, l-ekonomija ċirkolari fiha potenzjal sinifikanti għall-ekonomija taż-żoni rurali, b'mod partikolari permezz tal-bijoekonomija. Fil-Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali<sup>36</sup>, il-Kummissjoni stmat li l-iżvilupp ulterjuri tal-bijoekonomija se jwassal għall-ħolqien ta' 400 000 impjeg ġdid b'ħiliet għoljin sal-2035 u sa 700 000 sal-2050, l-iktar fiż-żoni rurali.

L-għodod parteċipattivi għall-iżvilupp lokali, bħal **LEADER/l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità u forum oħra ta' kooperazzjoni bħall-Irħula intelliġenti**, li wrew l-effiċjenza tagħhom, se jissaħħu iktar. Il-kunċett ta' **żoni rurali funzjonali** se jiġi żviluppat iktar bil-ħsieb li tiġi indirizzata d-diskrepanza bejn id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tas-servizzi għaċ-ċittadini rurali, skont l-impenn tal-Kummissjoni li tindirizza l-ħtieġa għal “dritt effettiv li wieħed jibqa' fit-territorju” għaċ-ċittadini Ewropej kollha. Dan jikkonċerna ż-żoni rurali kollha, b'rilevanza għaż-żoni remoti u dawk li ma għandhomx aċċess immedjat għas-servizzi offruti mill-irħula u mill-bliet. Hawnhekk, l-irħula żgħar u medji għandhom rwol importanti fl-għoti tal-aċċess għas-servizzi u għall-infrastruttura.

Ir-**reġjuni ultraperiferiċi** għandhom speċifitajiet li jeħtieġu appoġġ speċifiku u mmirat. Il-Kummissjoni tikkonferma l-importanza tal-iskema POSEI (Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità) biex tappoġġa lill-bdiewa fir-reġjuni ultraperiferiċi. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni li għaddejjja se jikkontribwixxu għar-riflessjoni dwar kif jista' jiġi żgurat li l-POSEI jkun jista' jggarantixxi l-futur fit-tul tas-settur agrikolu fir-reġjuni ultraperiferiċi, filwaqt li jikkontribwixxi iktar għas-sigurtà u għas-sovranià tal-ikel, għall-kompetittività u għar-reżiljenza tagħhom.

Sabiex tattira iktar nisa lejn il-biedja u tippermetti l-iskambju tal-esperjenza, il-Kummissjoni se tistabbilixxi **Pjattaforma għan-Nisa fil-Biedja** li se ssaħħa l-involviment tan-nisa u l-opportunitajiet indaqs fis-settur tal-biedja bis-saħħa tal-azzjonijiet imwettqa mill-membri tal-Pjattaforma. Se jservi wkoll bħala forum biex jiġu diskussi u skambjati l-prattiki tajbin.

<sup>35</sup> [Rural Pact Platform homepage | Rural Pact Community Platform](#).

<sup>36</sup> Il-Kummissjoni Ewropea (2021), *Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE - Lejn żoni u komunitajiet rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi sal-2040*. COM(2021) 345 final.

***Nagħtu valur lill-ikel: nerġgħu nistabbilixxu r-rabta essenzjali bejn il-biedja, it-territorju u l-ikel u nisfruttaw il-qawwa tal-innovazzjoni***

Matul l-aħħar deċennji, ir-relazzjoni tal-konsumaturi mal-ikel evolviet. L-ikel huwa iktar ipproċessat, id-drawwiet tal-ikel qed jinbidlu u l-ktajjen tal-provvista saru itwal u iktar kumplessi. Fl-istess ħin, l-affordabbiltà tal-ikel għadha tħassib kbir, speċjalment għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx. Filwaqt li r-rabta bejn il-biedja, l-ikel u t-territorju ddgħajfet, l-aspettattivi soċjetali li qed jinbidlu fir-rigward tal-ikel joffru opportunitajiet għas-settur. **Għalhekk, huwa importanti ħafna li nerġgħu lura għall-“għeruq” u nerġgħu nistabbilixxu r-rabta bejn l-ikel, it-territorju, l-istaġjonalità, il-kulturi u t-tradizzjonijiet lokali.**

Il-konsumaturi jaqdu rwol importanti fit-tranżizzjoni. Il-bdiewa u s-sajjieda jiffaċċjaw pressjoni biex itejbu l-prestazzjoni ambjentali tagħhom, filwaqt li s-swieq jonqsu milli jippremjaw il-progress li diġà sar u milli jinċentivaw iktar Prattiki ta' sostenibbiltà.

Sabiex jagħmlu għażliet infurmati, **il-konsumaturi jeħtieġu aċċess għal informazzjoni affidabbli.** Il-Kummissjoni se tkompli tinforza l-ligġijiet tal-UE dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi biex tipprevjeni l-prattiki kummerċjali inġusti. It-tneħħija ta' asserzjonijiet ambjentali qarrieqa u ta' tikketti tas-sostenibbiltà mhux affidabbli hija prerekwiżit biex il-konsumaturi jiġu mgħammra bl-informazzjoni li jeħtieġu biex jagħmlu għażliet sostenibbli.

**L-ikel huwa parti kruċjali minn kwalunkwe diskussjoni dwar il-futur tal-agrikoltura** u tal-produzzjoni tal-ikel fl-Ewropa. Iżda huwa parti **sensittiva** wkoll, kif turi l-esperjenza, fejn jidhru t-tradizzjonijiet soċjali u kulturali. Dan il-kapitlu jidentifika oqsma fejn **l-azzjoni tal-Unjoni tista' ġġib valur miżjud**, mingħajr ma tindaħal fil-kompetenzi nazzjonali u reġjonali fil-politika tas-saħħa u l-libertà tal-għażla.

**L-awtoritajiet lokali** spiss ikunu f'pożizzjoni tajba biex imexxu l-impenn dwar kif jissawru ambjenti tal-ikel favorevoli permezz ta' inizzjattivi mmexxija mill-komunità, inkluż kunsilli tal-ikel li jrawmu djalogu dwar kif jistgħu jittejbu l-affordabbiltà u d-disponibbiltà ta' ikel tajjeb għas-saħħa u ta' kwalità għolja. Il-Kummissjoni se tippromwovi inizzjattivi bħal dawn fil-livell nazzjonali u reġjonali/lokali u se tiffaċilita iktar skambju ta' Prattiki tajbin fl-Istati Membri kollha. Aspett wieħed fejn l-Unjoni tista' tgħin huwa li dan id-djalogu u l-interazzjoni jinġiebu fil-livell tal-UE.

Għalhekk, **kull sena l-Kummissjoni se torganizza Djalogu dwar l-Ikel** mal-atturi tas-sistema alimentari, inkluż il-konsumaturi, il-produtturi primarji, l-industrija, il-bejjieġha bl-immnut, l-awtoritajiet pubbliċi u s-soċjetà ċivili. Dan id-djalogu jkun il-forum biex jiġu indirizzati kwistjonijiet urġenti bħar-riformulazzjoni tal-ikel, il-ġbir ta' data dwar il-konsum djetetiku u l-affordabbiltà tal-ikel, fost l-oħrajn. Sabiex tappoġġa dan id-djalogu, il-Kummissjoni se tnedi studju dwar l-impatt tal-konsum tal-hekk imsejjaħ “ikel ultraproċessat”.

F'dan il-kuntest, id-**Djalogu dwar l-Ikel** għandu jkollu wkoll l-għan li jippromwovi l-iskambju tal-aqwa Prattiki u li jimmonitorja l-mod kif il-faqar tal-ikel jiġi indirizzat fl-Istati Membri bl-użu ta' strumenti tal-UE u nazzjonali, inkluż il-politiki soċjali, l-iskemi tal-iskejjel u l-vawċers tal-ikel għall-unitajiet domestiċi l-iktar vulnerabbli.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tressaq proposta legali biex issaħħaħ ir-rwol tal-**akkwist pubbliku.** L-akkwist pubbliku għandu jsegwi approċċ ta' “l-aqwa valur” biex

jippremja l-isforzi ta' kwalità u ta' sostenibbiltà tal-bdiewa, tal-industrija tal-ikel u tas-servizzi Ewropej, u għandu jipprovdi opportunitajiet għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) biex jipparteċipaw f'attivitajiet bħal dawn. Dan jista' jipprovdi l-inċentivi t-tajbin għall-promozzjoni tal-konsum ta' prodotti lokali u staġjonali, u ta' ikel prodott bi standards ambjentali u soċjali għoljin, inkluż prodotti organiċi u ikel li joriġina minn ktajjen tal-provvista iqsar. B'rabta ma' dan, l-iżvilupp ta' **ktajjen tal-provvista tal-ikel qosra** jibqa' ta' importanza strateġika biex jiġu żgurati prezzijiet iktar ġusti għall-bdiewa u għas-sajjieda, u għal aċċess imtejjeb għal prodotti friski u staġjonali għall-konsumaturi.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tipproponi rieżami mmirat ta' **skema tal-iskejjel tal-UE** ta' suċċess biex issaħħaħ id-dimensjoni edukattiva tagħha, adattata għall-ħtiġijiet u għat-tradizzjonijiet lokali u reġjonali. Il-**politika ta' promozzjoni** tal-UE se tibqa' għodda ta' politika strateġika li trid tintuża biex tissaħħaħ is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar il-prodotti agrikoli, tas-sajd u tal-akkwakultura u l-iskemi tal-kwalità tal-UE, inkluż it-tikketta tal-biedja organika tal-UE. B'rabta ma' dan, il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex tippromwovi l-użu ulterjuri tal-**indikazzjonijiet ġeografiċi (IG)** li huma għodda b'saħħitha għall-produtturi Ewropej biex jivvalorizzaw il-prodotti tal-ikel u tax-xorb tagħhom, jippreservaw il-wirt tal-ikel fl-Istati Membri kollha u joħolqu t-tkabbir u l-impjiegi fiż-żoni rurali fejn jinsabu.

**Il-kontribut tal-industrija tal-ikel huwa essenzjali** biex jiġu żviluppati mudelli ta' negozju li jsaħħu kull parti tal-katina tal-valur u jħarsu wkoll lejn il-benessri tal-bdiewa, tas-sajjieda, tal-ħaddiema tas-settur u tal-konsumaturi. F'dan ir-rigward, huwa meħtieġ approċċ komprensiv biex iħeġġeġ **l-investimenti fil-kompetittività, fl-innovazzjoni, fir-reżiljenza u fis-sostenibbiltà fl-ipproċessar, fid-distribuzzjoni u fil-bejgħ tal-ikel biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi u l-isfidi attwali**. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa wkoll b'mod attiv ħafna l-adozzjoni u r-riżultati ġġenerati mill-implimentazzjoni tal-**Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar Prattiki Responsabbli tan-Negozju u l-Kummerċjalizzazzjoni tal-Ikel** u se tevalwa jekk hijiex meħtieġa azzjoni ulterjuri jekk il-kisbiet iġġenerati mill-Kodiċi ta' Kondotta ma jilħqux l-ambizzjoni mistennija. L-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għan-negozji għandhom jiġu mmobilizzati biex jappoġġaw aħjar lill-SMEs tal-ipproċessar tal-ikel u biex joħolqu ċentri ta' innovazzjoni virtwali.

F'dan ir-rigward, in-networking tal-SMEs jista' jiġi ffaċilitat mill-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti, kif ukoll mill-Pjattaforma għall-Perkors tat-Tranżizzjoni agroalimentari li qed titħejja. Din il-Pjattaforma se tiffaċilita wkoll l-implimentazzjoni kumplessiva tal-Kodiċi ta' Kondotta u l-perkors ta' tranżizzjoni għall-ekosistema industrijali agroalimentari.

Peress li nutrizzjoni varjata u bbilanċjata jista' jkollha impatt pożittiv fuq il-benessri u s-saħħa tan-nies, huwa importanti li flimkien mal-Istati Membri tavvanza l-ħidma fuq il-monitoraġġ tal-effetti ta' ċerti prattiki ta' reklamar u ta' kummerċjalizzazzjoni tal-ikel. B'mod partikolari, għandu jiġi investigat l-impatt fuq is-saħħa u l-benessri tal-iktar gruppi vulnerabbli ta' konsumaturi, bħat-tfal.

Tfaċċaw **teknoloġiji innovattivi**, inkluż fil-qasam tat-teknoloġija alimentari, il-bijoteknoloġija u l-bijomanifattura. Huwa importanti ferm li l-Ewropa tibqa' minn ta' quddiem f'dawn it-teknoloġiji ġodda biex is-settur jibqa' kompetittiv u biex fil-livell dinji l-UE tibqa' minn ta' quddiem nett fl-innovazzjoni tal-ikel. Fl-istess ħin, xi innovazzjoni tal-ikel xi kultant titqies bħala theddida għat-tradizzjonijiet u għall-kultura madwar l-Ewropa. Din il-kwistjoni titlob **djalogu msaħħaħ** u għarfien aħjar, biex jiġi

żgurat li dawn l-innovazzjonijiet ikunu jistgħu jiġu vvalutati b'mod inklużiv li jqis ukoll l-aspetti soċjali, etiċi, ekonomiċi, ambjentali u kulturali tal-innovazzjoni tal-ikel.

Finalment, l-aspettattivi soċjetali ġodda rigward l-ikel qed isawru l-imġiba tal-konsumaturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-benessri tal-annimali u l-orijini tal-prodotti. Jekk jingħata appoġġ tajjeb, dan jista' joffri opportunitajiet ġodda għall-bdiewa. Sabiex tindirizza dan, il-Kummissjoni se tagħmel skambji mill-qrib mal-bdiewa, mal-katina alimentari u mas-soċjetà ċivili u fuq dik il-bażi **se tippreżenta proposti dwar ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-benessri tal-annimali**, inkluż l-impenn tagħha li gradwalment telimina l-gaġeġ. Din ir-reviżjoni se tkun ibbażata fuq l-aħħar evidenza xjentifika u se tqis l-impatt soċjoekonomiku fuq il-bdiewa u l-katina agroalimentari, filwaqt li se tipprovdi appoġġ kif ukoll perjodi u perkorsi ta' tranżizzjoni xierqa u speċifiċi għall-ispeċijiet. B'rabta ma' dan, il-Kummissjoni se tikkunsidra tikkettar immirat rigward il-**bennessri tal-annimali** biex tindirizza l-aspettattivi tas-soċjetà.

Fl-istess ħin, l-isforzi kontinwi biex jitnaqqsu **t-telf tal-ikel u l-ħela tal-ikel** huma prijorità ewlenija għas-snin li ġejjin. It-tnaqqis u l-valorizzazzjoni tat-telf u tal-ħela tal-ikel mhux biss se jkunu ta' benefiċċju għaċ-ċittadini, għall-bdiewa u għall-atturi l-oħra kollha tal-UE fil-katina tal-provvista tal-ikel iżda se jżidu wkoll is-sostenibbiltà tas-sistema alimentari tal-UE, u b'hekk jikkontribwixxu għal użu iktar effiċjenti tar-riżorsi u għas-sigurtà tal-ikel.

#### 4. NOĦOLQU AMBJENT FAVOREVOLI: INPOĠĠU R-RIĊERKA, L-INNOVAZZJONI, L-GĦARFIEN U L-HILJET FIL-QALBA TAL-EKONOMIJA AGROALIMENTARI TAL-ĒWROPA

##### *Id-diġitalizzazzjoni bħala xprun biex tkompli tavvanza t-tranżizzjoni*

It-tranżizzjoni diġitali timxi b'veloċità bla preċedent u tista' tikkontribwixxi għat-titjib rapidu tal-prestazzjoni ekonomika, tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà tal-azjendi agrikoli. It-teknoloġiji diġitali avvanzati, inkluż l-**intelliġenza artifiċjali**, flimkien mad-data mill-Internet tal-Oġġetti (IoT, Internet of Things) u minn sorsi oħra, jistgħu jtejbu b'mod sinifikanti l-operazzjonijiet, jixprunaw l-innovazzjoni u jirrivoluzzjonaw il-mod kif nipproduċu l-ikel, filwaqt li nieħdu ħsieb l-ambjent, il-klima u n-nies. Madankollu, l-adozzjoni tal-għodod diġitali għadha lura fl-agrikoltura u f'partijiet oħra tas-sistema alimentari. Il-kostijiet għoljin perċepiti, in-nuqqas ta' ħiliet diġitali u ta' fiduċja, l-assenza ta' soluzzjonijiet imfassla apposta u l-kwistjonijiet ta' konnettività huma fost ir-raġunijiet ewlenin għaliex il-bdiewa mhumiex qed jisfruttaw bis-sħiħ il-mewġa tad-diġitalizzazzjoni.

**Il-prijorità se tkun li tiġi żgurata l-konnettività fiż-żoni rurali**, b'mod partikolari fiż-żoni remoti, filwaqt li jittieħed vantaġġ ukoll mill-opportunitajiet ipprovduti minn soluzzjonijiet alternattivi ta' konnettività u mill-edge computing. L-investment fl-ambjent favorevoli, bħat-**taħriġ tul il-ħajja fil-ħiliet u fil-konsulenza diġitali**, huwa kruċjali wkoll, kif ukoll it-**tħeġġiġ tal-ittestjar u tal-adozzjoni**, anke b'mod kollettiv (eż. permezz ta' kooperattivi). Jeħtieġ li s-**sistemi diġitali** jiġu integrati u armonizzati iktar, kemm għall-ġbir tad-data mill-bdiewa, minn atturi oħra tas-sistema alimentari, kif ukoll mis-sistemi tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni se ssegwi l-prinċipju ta' **"iġbor darba, uża diversi drabi"**, li jnaqqas il-piż tar-rapportar għall-bdiewa skont il-kunsiderazzjoni ta' inizjattivi eżistenti fil-livell tal-UE u li diġà qed jevolvu, bħall-Ispazju Komuni Ewropew tad-Data dwar l-Agrikoltura.

Sabiex twettaq dawn l-isfidi, **il-Kummissjoni se tnedi strateġija diġitali tal-UE għall-agrikoltura** biex tiffaċilita t-tranżizzjoni lejn settur tal-biedja u tal-ikel lest għall-qasam diġitali u orjentat lejn il-futur, filwaqt li jiġu evitati l-iżvantaġġi possibbli<sup>37</sup>.

### ***Għarfien, Riċerka u Innovazzjoni bħala katalizzaturi tal-bidla***

**L-għarfien u l-innovazzjonijiet ġodda jridu jilħqu lill-bdiewa u lil atturi oħra tas-sistema alimentari iktar malajr u fuq skala usa'**, b'applikabbiltà konkreta ta' soluzzjonijiet innovattivi fl-azjendi agrikoli u fil-post. U aħna mhux qed nibdew mix-xejn. Il-Missjoni dwar il-Ħamrija ta' Orizzont Ewropa tappoġġa lill-bdiewa fit-tranżizzjoni tagħhom lejn prattiki sostenibbli tal-ħamrija permezz ta' taħlita ta' riċerka u ta' innovazzjoni, kif ukoll ta' ttestjar u ta' esperimentazzjoni fil-post, li għandhom jitkomplew biex tinkiseb ħamrija f'saħħitha fl-UE sal-2050.

L-innovazzjoni qed tavvanza u għandha tiġi. Pereżempju, l-ittestjar ta' inizjattivi regolatorji, teknoloġiji ġodda jew mudelli ta' negozju f'**ambjenti ta' esperimentazzjoni** (eż. għal għodod diġitali fl-agrikoltura) **qabel ma jiġu introdotti, u l-akkwist tal-innovazzjoni** se jgħinu biex jitneħħew l-ostakli għal iktar innovazzjoni lesta biex tintuża mill-bdiewa.

Sabiex jinkisbu riżultati mfassla apposta skont il-ħtiġijiet tal-bdiewa, għandha tiżdied **il-kokreazzjoni** tal-għarfien u tal-innovazzjoni f'siti lokali ta' esperimentazzjoni fl-azjenda agrikoli mal-bdiewa, max-xjenzati, mal-innovaturi u man-negozji, eż. f'laboratorji ħajjin.

L-iżvilupp ta' **approċċ strateġiku ġdid tal-UE għar-riċerka u għall-innovazzjoni biex tittejjeb il-kompetittività tal-agrikoltura, tal-forestrija u taż-żoni rurali** se jkun tassew importanti biex l-investimenti jiġu mmirati b'mod effiċjenti, biex il-prijoritajiet futuri jiġu allinjati mal-iżviluppi xjentifiċi u biex jinħatfu opportunitajiet ġodda.

F'dan l-isforz, it-tiġid ulterjuri tas-sħubijiet pubbliċi-pubbliċi u pubbliċi-privati eżistenti tar-riċerka u tal-innovazzjoni u l-kunsiderazzjoni ta' oħrajn ġodda se jkun kruċjali biex jinġabru flimkien ir-riżorsi, it-talenti u l-infrastrutturi tar-riċerka. F'dan ir-rigward, kooperazzjoni msaħħa mal-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka Agrikola (SCAR, Standing Committee on Agricultural Research) hija kruċjali. Fix-xena globali, **it-tiġid tas-sħubijiet internazzjonali u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali** bħall-FAO, id-WOAH, is-CGIAR u l-OECD se jgħinu biex jinkisbu soluzzjonijiet innovattivi għall-isfidi globali u l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.

L-innovazzjonijiet fit-tneħħil tal-pjanti, inkluż l-użu ta' għodod bijoteknoloġiċi bħal tekniki ġenomiċi ġodda (NGTs, New Genomic Techniques), huma kruċjali biex jitħaffef l-iżvilupp ta' varjetajiet reżiljenti għat-tibdil fil-klima, li jiffrankaw ir-riżorsi, nutrittivi u b'rendiment għoli, u b'hekk jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-ikel u għas-sovranià tal-ikel tal-UE. L-NGTs jistgħu jwasslu wkoll għal mikroorganiżmi b'impatt pożittiv fuq il-produzzjoni agrikola, eż. billi jnaqqsu l-ħtieġa għal fertilizzanti sintetiċi.

Sabiex jinħatfu l-benefiċċji ta' dawn l-innovazzjonijiet, huwa meħtieġ qafas regolatorju favorevoli fl-UE. Dan jiżgura wkoll kundizzjonijiet ekwivalenti ma' għadd dejjem ikbar ta' pajjiżi terzi, li jinsabu fil-proċess li jadattaw il-leġiżlazzjoni tagħhom jew li diġà għamlu dan. Għalhekk huwa partikolarment importanti li titlesta l-proċedura leġiżlattiva

<sup>37</sup> Barabanova, Y. u Krzysztofowicz, M., [Digital Transition: Long-term Implications for EU Farmers and Rural Communities](#), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2023, doi:10.2760/286916, JRC134571.

għall-proposta tal-Kummissjoni dwar l-NGTs u li l-leġiżlazzjoni tiġi implimentata malajr. Il-Kummissjoni hija impenjata li taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kunsill u mal-Parlament Ewropew biex fil-futur qarib jinstab kompromess li jħares 'il quddiem.

### ***Insaħħu s-sistemi tal-għarfien u tal-innovazzjoni fl-agrikoltura u l-appoġġ għall-konsulenza***

L-għarfien u l-innovazzjonijiet ġodda li jirriżultaw mill-programmi tar-riċerka u tal-innovazzjoni tal-UE jridu jkunu aċċessibbli b'mod wiesa' u jridu jintużaw fil-prattika. Jeħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu sforzi sostanzjali għat-**tisħiħ tas-Sistemi tal-Għarfien u tal-Innovazzjoni Agrikoli** (AKIS, Agricultural Knowledge and Innovation System) u jqabblu r-riżorsi mal-firxa usa' ta' ħtiġijiet li jiffaċċja s-settur, b'mod partikolari biex jappoġġaw aħjar lill-bdiewa fit-tranżizzjoni tagħhom lejn is-sostenibbiltà. Għal dan l-għan, il-PAK se tkompli tipprovdi appoġġ qawwi għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-AKIS bis-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni (EIP, European Innovation Partnership) Agrikola bħala pedament. Se tippromwovi wkoll iktar azzjonijiet biex issaħħaħ ir-rwol ta' **konsulenti indipendenti u kompetenti** u tiżviluppa **offerti ta' taħriġ attraenti** li jwieġbu għall-ħtieġa tal-bdiewa tul il-ħajja professjonali kollha tagħhom u li jkunu partikolarment adattati għad-**domanda għall-ħiliet li dejjem tevolve** tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' bdiewa u l-prospetti tal-karriera tagħhom.

L-indirizzar **tal-iskarsezzi u tal-asimetrija tal-ħiliet** fis-settur tal-biedja permezz ta' antiċipazzjoni u ta' investment iddedikat f'taħriġ u f'konsulenza ta' kwalità għolja se jkun kruċjali biex tiġi attirata ġenerazzjoni ġdida ta' intraprendituri agrikoli ta' talent, u tinbena sistema agrikola u alimentari kompetittiva, sostenibbli u reżiljenti. L-**Unjoni tal-Ħiliet** li waslet biex titwettaq se tipprovdi impetu ġdid biex tixpruna approċċ iktar strateġiku lejn l-apprendiment tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-ħiliet inklużivi fl-agrikoltura u se tagħmel l-aħjar użu mill-għodod għad-dispożizzjoni biex il-biedja tiġi ppożizzjonata mill-ġdid bħala għażla ta' karriera attraenti u ta' sodisfazzjon.

## **5. KONKLUŻJONI**

Din il-Komunikazzjoni tippreżenta r-riflessjoni tal-Kummissjoni dwar il-futur tal-agrikoltura u tal-ikel fl-Ewropa. Is-settur agroalimentari Ewropew għandu ħafna punti b'saħħithom u huwa minn ta' quddiem fir-rigward tas-saħħa, is-sikurezza, il-kwalità, is-sostenibbiltà u l-innovazzjoni fil-produzzjoni tal-ikel. Irridu nibnu fuq dawn il-punti b'saħħithom. Iżda fil-kuntest ġeopolitiku attwali, l-Unjoni **trid issaħħaħ ir-rispons tagħha** għall-isfidi li qed jiffaċċjaw il-bdiewa, is-sajjieda, atturi rurali oħra u s-settur agroalimentari u tħejji għall-futur b'**rispons ta' politika iktar assertiv favur l-awtonomija strateġika u s-sovranià tal-ikel tagħna**, filwaqt li tfittex li tilħaq l-objettivi tagħha tal-protezzjoni tan-natura u d-dekarbonizzazzjoni. Dan ir-rispons ta' politika huwa magħqud madwar **viżjoni komuni li se tipprovdi qafas għall-ħidma tal-Kummissjoni f'dan il-mandat kollu** fl-oqsma kollha ta' politika li għandhom impatt fuq l-agrikoltura u l-ikel.

It-twertiq ta' din il-viżjoni ma jistax jiddependi fuq il-livell tal-UE biss. Jeħtieġ li l-ġenerazzjonijiet ġodda ta' bdiewa, l-operaturi agroalimentari, il-konsumaturi infurmati u l-komunitajiet rurali jieħdu r-responsabbiltajiet tal-ġenerazzjoni attwali bħala intraprendituri, kustodji tal-kampanja u aġenti tal-bidla. Dan jirrikjedi djalogu msaħħaħ fil-livelli kollha ta' governanza, mal-istituzzjonijiet tal-UE, mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, u mas-sħab internazzjonali tagħna.

Huwa għalhekk li din il-Komunikazzjoni qed tnedi dan id-djalogu biex tarrikkixxi r-riflessjonijiet tal-Kummissjoni dwar it-triq 'il quddiem madwar l-erba' oqsma ta' prijorità u l-faċilitaturi tagħhom. Ħafna mis-suġġetti li jinsabu fiha huma sensitivi u spiss ma jsibux konsensus faċilment fis-soċjetà, b'mod partikolari l-aspetti relatati mal-ikel, mal-bhejjem, u mal-futur tal-PAK. Din hija r-raġuni għaliex tnedew iktar linji ta' ħidma biex jiġu elaborati dawn il-kwistjonijiet ewlenin u jinstabu soluzzjonijiet bl-involvement mill-qrib tal-partijiet ikkonċernati rilevanti u ma' daww li jfasslu l-politiki. L-esperjenza tgħallimna li soluzzjonijiet uniċi tajbin għal kulħadd ma jistgħux jiġu applikati għal settur daqshekk varjat u minflok id-Djalogu Strateġiku appella għal rispons territorjali u mfassal apposta.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni, lis-sħab soċjali u lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jikkontribwixxu b'mod attiv għall-iżvilupp u għat-twettiq tal-inizjattivi f'din il-Komunikazzjoni.